Page 6

AKTAR ASSISTENZA MINN SPORTMALTA

Page 18

POOL: MALTA B'SUĊĊESS MONDJALI

Page 30

ŻWIEMEL: INTERVISTA MA' RODNEY GATT

# SPORTIV

NRU. 136 LULJU 2018



# Franza Champions tad-Dinja




Looking for a new property? Bank of Valletta can assist you with a home loan built around your personal financial situation.

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from www.bov.com or contact 2131 2020.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

**BOV**
Bank of Valletta

# LULJU 2018



24




Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk
*Editur*



**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.
**136**

**DIPARTIMENT TAL-AVVIŻI**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**DISINN**
Stacy Sciberras
design@unionprint.com.mt

**RITRATTI**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Tonio Magro
Walter Sargent
Paul Zammit Cutajar
Martin Agius
Malin Albinsson

**COVER**
Franza
Champions tad-Dinja


» Ninsabu fl-aħħar jiem ta' Lulju u għal xahar ieħor qegħdin nerġgħu nagħtukom edizzjoni oħra tal-magazine sportiv favorit tagħkom. F'din l-edizzjoni qed tingħata ħarsa lejn is-suċċess ta' Franza fil-finali tat-Tazza tad-Dinja, li għall-ewwel darba din il-kompetizzjoni saret fir-Russja. Fil-football Malti, numru ta' timijiet kienu impenjati fil-kompetizzjonijiet Ewropej fejn kellhom riżultati mħallta filwaqt li fl-aħħar jiem ukoll SportMalta kompliet tieħu aktar inizjattivi b'risq l-isport Malti.

F'din l-edizzjoni se tingħata ħarsa wkoll lejn is-suċċess mondjali li kellu pajjiżna fil-pool, il-prestazzjonijiet tajbin fix-xena internazzjonali mit-timijiet nazzjonali tal-basketball, il-parteċipazzjoni tas-sewwieq Rodney Gatt fil-Kampjonat Ewropew, il-pjazzament tal-atleta Andrew Grech f'maratona fl-Olanda, il-players barranin fil-kampjonat tal-waterpolo lokali u l-egħluq tal-istaġun tal-ASMK.

Fi Sportiv ma jonqsux ukoll servizzi oħra dwar iċ-ċikliżmu, l-isport f'Għawdex u rubriki oħra ta' kull xahar. Sportiv...jibqa l-uniku u l-aqwa magazine ta' kull sportiv. «



38



39















06 » Sports Malta

12 » UEFA Champions League

14 » UEFA Europa League

18 » Pool Lokali

20 » Tazza tad-Dinja

28 » Waterpolo

30 » Tiġrijiet taż-Żwiemel

32 » Basketball



30



34




32



# SPORTIV

42



34 » Gozo Sports
36 » "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja"
38 » Atletika
39 » Ċikliżmu
40 » MUESAC
42 » ASMK
44 » L-istorja tal-futbol Malti

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# MADWAR €1,200,000 F'GHAJNUNIET LILL-SPORTIVI



Ritratti: DOI - Pierre Sammut

» SportMalta ippreżentat total ta' €1,200,000 f'għajnuniet finanzjarji lil 33 assoċjazzjoni u atleta individwali rreġistrati magħha.



Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima saħaq li permezz tal-assistenzi minn SportMalta, qed naraw li l-assoċjazzjonijiet u klabbs qed ikunu proattivi u qed jieħdu inizjattivi biex jiġġeneraw dħul. Dan kollu ma jkunx possibli mingħajr l-għajnuna li jagħti l-Gvern li jikkommetti ammont ta' flus kull sena sabiex jingħataw dawn l-assistenzi, liema assistenzi żdiedu għaliex fl-2018 il-vot tal-assistenzi żdied għal 1.54 miljun ewro.



B'kollox kienu 151 atleta u assoċjazzjoni b'total ta' madwar €2,000,000 li bbenefikaw minn assistenza finanzjarja matul l-2018. Dawn jinkludu il-ħlas għall-iskema tal-assistenzi ta' SportMalta għall-2017 li jinkludi assistenza finanzjarja għal proġetti, Youth Development Scheme, Flexi Training Scheme u ittri ta' impenn għall-2018.

SportMalta torganizza erba' ċerimonji sabiex l-assoċjazzjonijiet sportivi u l-atleti ma jkollhomx jistennew żmien twil għall-assistenza finanzjarja. Dawn huma parti mir-riforma ta' SportMalta għall-benefiċċju tal-assoċjazzjonijiet u federazzjonijiet, biex b'hekk tagħtihom aktar ċertezza biex jippjanaw finanzjarjament. «

# JIFTAĦ SUMMER ON THE MOVE..



» Il-programm 'Summer on the Move' beda t-Tnejn, 9 ta' Lulju. Faċilitajiet sportivi f'Malta u Għawdex laqgħu madwar 7000 parteċipant ta' kull eta', mill-eta' ta' sitt snin sa dik ta' 84 sena; xi wħud saħansitra kienet l-ewwel darba tagħhom bħala parteċipanti f'dan il-programm. Dan il-programm mimli daqs bajda, li ġie bbukjat kompletament f'qasir żmien, joffri aktar minn 50 sport u attivita' differenti u jagħti opportunita' tajba lil kulħadd sabiex wieħed jibqa' attiv dan is-sajf.

Apparti l-pixxina Nazzjonali ta' Tal-Qroqq, faċilitajiet sportivi oħra tas-Siġġiewi u Kirkop kienu wkoll mimlijin attivita' u divertiment kbir kif mistenni, bl-aktar attivitajiet popolari jkunu dawk li jirrigwardjaw l-għum. L-aktar sezzjonijiet li attiraw applikanti kienu s-sezzjonijiet ta' filgħodu u dawk ta' siegħat miżjudin , kif ukoll attivitajiet li jsiru u huma ibbażati fuq l-art. Dan il-programm pero', mhux ibbażat biss fuq l-għum, iżda huwa bbażat ukoll fuq varjeta' ta' logħob u ħiliet sportivi. Fuq nota oħra, sezzjonijiet ta' filgħaxija jispeċifikaw fuq attivitajiet sportivi fejn jiffukaw l-aktar fuq ħiliet sportivi u kif u fejn japplikaw dawn il-ħiliet. Sport Malta, teqleb ukoll l-iskemi tagħha tal-akkademji għas-sajf, fejn l-atleti jispeċjalizzaw fil-ġimnastika, triathlon, għum sinkronizzat, volleyball u kif ukoll basketball, b'aktar ħin sabiex jipprattikaw l-isports rispettivi tagħhom.

Il-programm 'Summer on the Move' ser ikun qed isir f'perjodu ta' 8 ġimgħat (b'waqfa qasira f'nofs Awwissu) u ser jispiċċa fis-7 ta' Settembru b'attivita' f'Tal-Qroqq u l-Kottonera, fejn l-għeluq ser jaħbat eżatt mal-bidu u l-ftuħ tal-' European Week of Sport 2018' f'Malta. «

# ATTENDENZA REKORD









# MOVE TRANSFER HEALTHY CLUB QUALITY MARK AWARD

» Wieħed mill-proġetti li SportMalta investit biex tieħu sehem fih huwa l-Move Transfer Project. Dan huwa proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Erasmus+ Sport Programme, Small Collaborative Partnerships) u l-għan tiegħu huwa li nippromovu l-attività fiżika filwaqt li ntejbu s-servizz li qed jingħata mill-għaqdiet sportivi madwar l-Ewropa. Il-ħsieb ewlieni huwa li l-għaqdiet jinvestu f'servizz multi-dixxiplinarju ħalli l-individwu jiġi moqdi ħolistikament ; kemm minn lat tekniku, psikoloġiku, soċjali u edukattiv.

Il-proġett beda f'Jannar 2017 u ntemm f'Ġunju 2018. L-għaqdiet jew entitajiet li jippromovu l-attività fiżika, kienu mistiedna japplikaw. L-għaqdiet riedu:

1. Jaraw li coaches/instructors ikunu kkwalifikati u professjonali.
2. Jagħmlu attivitajiet regolari li ser jibbenifika minnhom kulħadd (kemm dawk li huma tajbin fl-isport kif ukoll dawk li m'humiex).
3. Jħaddnu s-sistema tal-inklużjoni soċjali biex b'hekk ħadd ma jiġi eskluż.
4. jagħtu l-għajnuna meħtieġa lill-individwu minn kull aspett.
5. Jippromovu healthy lifestyle mhux biss bħala eżerċizzju fiżiku (fl-isport li jipprattikaw) imma wkoll bħala nutrizzjoni, kura u żvillup personali fost oħrajn.

Kull klabb li applika u pparteċipa fil-proġett, ried jinvesti kemm fl-edukazzjoni tal-istaff tekniku u amministrattiv kif ukoll jaħdem ma' nies professjonali oħra, minn oqsma differenti. Dan l-impenn għen biex il-parteċipanti fl-għaqdiet, jieħdu servizz professjonali. B'dan il-mod l-iżvilupp tal-klabb/entita` jkun qed jinbena fuq pedament sod b'viżjoni konkreta u ta' kwalita'.

L-assessjar biex jingħata l-award sar minn organizzazzjonijiet barranin bħal ISCA (International Sport and Culure Association) u Sport Union of Slovenia flimkien ma' SportMalta, li kienet strumentali biex dan il-proġett isir. Is-sebà klabbs li ġew ppremjati bil-Healthy Club Quality Mark huma:



- Assoċjazzjoni Sportiva Hibernians
- Birżebbuġa Sailing Club
- Birkirkara St Joseph Sports Club
- Dar Kenn għal Saħħtek
- Għajnsielem Redcoats
- Marsaxlokk FCYN
- Sirens ASC

Dawn il-klabbs urew inizjattiva u daħlu għall-impenn li jsegwu l-prinċipji tal-proġett. Ta' min jgħid li meta ġew ir-rappreżentanti minn barra biex jaraw fiżikament xi jsir f'dawn il-klabbs, kollha kellhom kliem ta' tifħir u osservaw li dawn il-klabbs qed iħallu impatt pożittiv fil-komunitatjiet tal-madwar b'mod differenti.

Proġett bħal dan għen biex filwaqt li nirrikonoxxu x'inhu jsir fl-għaqdiet jew entitajiet differenti, naħdmu flimkien biex naraw kif nistgħu ntejbu s-servizz għal ġid nazzjonali. Iktar minn hekk, dan il-proġett serva biex naqsmu l-esperjenzi tagħna mà pajjiżi oħra Ewropej, nitgħallmu minn xulxin u fuq kollox naħdmu biex ngħollu l-livell tas-servizzi li qed noffru bħala għaqdiet sportivi. «

# TIBDA L-PREPARAZZJONI GĦALL-ĠIMGĦA EWROPEA TAL-ISPORT



Photo: DOI - Clifton Fenech

» Bi preparazzjoni għall-organizzazzjoni tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport 2018 u l-kampanja Be Active, dan l-aħħar Sport Malta organizzat ir-raba' laqgħa ta' disseminazzjoni ta' informazzjoni ma' għalliema tal-edukazzjoni fiżika fi skejjel primarji u sekondarji. Matul din il-laqgħa nformattiva ingħatat informazzjoni dwar l-attivitajiet organizzati matul din il-ġimgħa sportiva f'Settembru li ġej.

L-avvenimenti ewlenin se jsiru fil-kumpless sportiv tal-Kottonera, filwaqt li attivita' matul il-lejl se ssir fid-29 ta' Settembru fil-kumpless sportiv ta' Ħal Kirkop u l-European School Sports Day se tkun organizzata fit-28 ta' Settembru. Dawk preżenti ġew qabel xejn indirizzati minn Dr Frank Fabri, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol li nkoraġġixxa lill-għalliema biex jimmotivaw lit-tfal jieħdu sehem f'din il-kampanja u biex jagħtu s-sehem tagħhom ħalli l-attivitajiet ikunu suċċess.

Mark Cutajar, kap eżekuttiv ta' SportMalta sostna li n-numru ta' għalliema li attendew għal din il-laqgħa kien ukoll wieħed inkoraġġanti. Hu sostna li l-għalliema għandhom mhux biss jorganizzaw attivitajiet matul il-European School Sports day iżda anki jinkoraġġixxu lit-tfal jieħdu sehem f'kull attivita'organizzata minn SportMalta.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Isport Clifton Grima, qal li dan hu mument eċċitanti għall-isport Malti, b'numru ta' attivitajiet li se jsiru kollha f'xahar wieħed. Hu żied jgħid ukoll li qiegħed iħares b'ottimiżmu lejn dawn l-avvenimenti u saħaq li l-għalliema huma strumentali biex jinfluwenzaw lit-tfal biex ikollhom ħajja sana. Saru wkoll interventi minn Rose Marie Mercieca, Koordinatur Nazzjonali u f'isem SportMalta, Ruben Baldacchino, ko-ordinatur tal-kampanja Be Active għall-attivitajiet ta' matul il-lejl, Roberta Argento li hi wkoll koordinatriċi u Marvin Spiteri, uffiċjal edukattiv tal-Edukazzjoni Fiżika fi ħdan id-direttorat tal-Edukazzjoni. «



# VALLETTA SFORTUNATI

## I ROUND PRELIMINARI - I LEG

10.07.2018 - Kukesi Stadium

**KUKESI ...............0**
**VALLETTA ..........0**

» F'partita valida mill-ewwel leg tal-ewwel round preliminari tal-UEFA Champions League, Valletta marru l-Albanija u temmew fi draw ta' 0-0 kontra Kukesi. It-tieni leg intlgħabet ġimgħa wara fis-Centenary Stadium. Kienu Kukesi li ħolqu l-ewwel periklu wara erba' minuti meta wara li rċieva minn corner ta' Donjet Shokodra, Harallamb Qaqi kellu t-tentattiv tiegħu mill-viċin jintemm barra.

Valletta wieġbu fis-27 minuta permezz ta' Matteo Piciollo li kellu x-xutt salvat minn Stivi Frasheri. Mill-azzjoni li segwiet, Kukesi resqu viċin li jifthu l-iskor iżda Henry Bonello dawwar f'corner ix-xutt mill-viċin ta' Ylli Shameti. It-tieni taqsima kienet ferm kwieta, fejn kien biss fil-81 minuta li ġiet innotata l-ewwel azzjoni denja ta' nota, bl-Albaniżi jkunu huma li joħolqu l-periklu meta William Cordeiro Melo kellu t-tentattiv tiegħu jiġi salvat minn Henry Bonello. Il-Beltin wieġbu fl-84 u fis-86 minuta b'żewġ xuttijiet rispettivi minn Santiago Malano u Matteo Piciollo li ntemmew barra.

**Kukesi:** 77-Stivi Frasheri, 4-Ylli Shameti, 8-Vangjel Zguro (27-Valon Ethemi 58), 9-Sebino Plaku (28-Haris Harba 75), 10-Donjet Shkodra (99-Dino Spehar 80), 15-Harallamb Qaqi, 18-Arber Cyrbja, 20-Simo Rumbullaku, 23-Besar Musolli, 26-William Cordeiro Melo, 33-Irakli Dzaria Coach: Peter Pacult

**Valletta:** 1-Henry Bonello, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano, 10-Matteo Piciollo, 18-Enmy Manuel Pane Beltre, 19-Joseph Zerafa, 20-Ibrahim Raed Salah (16-Jean Borg 90), 24-Rowen Muscat (6-Juan Cruz Gill 70), 27-Miguel Angel Alba (14-Kyrian Nwoko 77), 89-Mario Fontanella Coach: Danilo Doncic

**Referee:** Thorpddur Hjaltalin (Islanda)
**Assistenti:** Frosti Vidar Gunnarsson, Oddur Helgi Gudmundsson (Islanda)
**Raba' Uffiċjal:** Thorvaldur Arnason (Islanda)
**Ammoniti:** E. M. Pena Beltre, J. Zerafa, R. Muscat, H. Bonello (V) «



## I ROUND PRELIMINARI - II LEG

17.07.2018 - Centenary Stadium

**VALLETTA ...........1**
**KUKESI .................1**

(Agg: Kukesi 1-1 bil-goal away)

» Valletta sfaw eliminati mill-UEFA Champions League meta fit-tieni leg tal-ewwel round preliminari ġew miżmuma fi draw ta' 1-1 minn Kukesi tal-Albanija, b'dawn tal-aħħar jikkwalifikaw permezz tar-regola tal-goal away wara li l-konfront tal-ewwel leg intemm fi draw ta' mingħajr goals. Għaldaqstant Valletta ikollhom jilagħbu fit-tieni round preliminari tal-UEFA Europa League.




Il-coach Serb ta' Valletta, Danilo Doncic, li rkupra fil-ħin għal din il-partita wara li jum qabel kien ma jiflaħx, għażel li jibda bl-istess formazzjoni li beda biha fl-Albanija, il-ġimgħa ta' qabel.

Ta' nota huwa l-fatt li wara d-draw fl-ewwel leg, Kukesi għażlu li jitterminaw il-kuntratt tal-coach Awstrijak, Peter Pacult, b'postu jittieħed mill-coach Albaniż Armando Cungu, li b'hekk għamel id-debutt tiegħu proprju fil-partita. Valletta ħarġu ferm aggressivi u wara sitt minuti resqu qrib li jiftħu l-iskor meta minn azzjoni ta' corner, Matteo Piciollo għola fuq kulħadd iżda d-daqqa ta' ras tiegħu għaddiet ftit barra.

Man-nofs siegħa logħob, Valletta reġgħu ħolqu l-periklu permezz ta' xutt qawwi ta' Mario Fontanella li iżda ntemm għoli.

Il-Lilywhites komplew jiddominaw u fit-42 minuta, Miguel Angel Alba indirizza cross lejn Santiago Malano li kellu x-xutt tiegħu mill-viċin jintemm barra.

Il-pressjoni bdiet iżżid fuq il-Beltin u fil-ftuħ tat-tieni taqsima, ħarġu fuq l-offensiva u fl-54 minuta, Santiago Malano xeħet lejn l-attakkant Taljan, Mario Fontanella, li kellu x-xutt mid-distanza jintemm ftit barra.

Għaxar minuti wara, Valletta reġgħu resqu viċin li jmorru fil-vantaġġ meta Joseph Zerafa avvanza fil-kaxxa, ipprova jgħaddi l-ballun lejn Fontanella iżda pront kien id-difensur Albaniż, Sebino Plaku, li tefa' l-ballun f'corner.

B'azzjoni wara l-oħra, finalment Valletta fetħu l-iskor fis-67 minuta meta Joseph Zerafa niżżel il-ballun lejn SANTIAGO MALANO li permezz ta' xutt mill-ewwel għeleb għal kollox lill-goalkeeper, Stivi Frasheri.

Iżda, fit-82 minuta, kontra x-xejra tal-logħob Kukesi ġabu l-iskor indaqs minn konklużjoni mill-viċin ta' IRAKLI DZARIA. Erba' minuti biss wara huma spiċċaw jilagħbu b'10 players meta tkeċċa għalihom il-player Vangjel Zguro wara li rċieva żewġ karti sofor.

**Valletta:** 1-Henry Bonello, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano, 10-Matteo Piciollo, 18-Enmy Manuel Pena Beltre, 19-Joseph Zerafa, (14-Kyrian Nwoko 87) 20-Ibrahim Raed Saleh (6-Juan Cruz Gill 83), 24-Rowen Muscat, 27-Miguel Angel Alba (77-Bogdan Catalin Gavrila 90), 89-Mario Fontanella - Coach: Danilo Doncic

**Kukesi:** 77-Stivi Frasheri, 4-Ylli Shameti, 6-Albi Alla, 8-Vangjel Zguro (99-Dino Spehar 57), 9-Sebino Plaku, 10-Donjet Shkodra (28-Haris Harba 57), 18-Arber Cyrbja (27-Valon Ethemi 65), 20-Simo Rumbullaku, 23-Besar Musolli, 26-William Cordeiro Melo, 33-Irakli Dzaria - Coach: Armando Cungu

**Referee:** Igor Pajac (Kroazja)
**Ass. Referees:** Ivica Modric, Vedran Durak (Kroazja)
**Raba' Uff:** Fran Jovic (Kroazja)
**Skorers:** S. Malano 67 (V), I. Dzaria 82 (K)
**Ammoniti:** J. Zerafa, M. A. Alba (V), V. Zguro (2), S. Rumbullaku, Y. Shameti (K)
**Tkeċċa**: V. Zguro 86 (K)
**Attendenza:** 1,307 ((

# KWALIFIKAZZJONI STORIKA GĦAL GŻIRA UNITED

» I Leg - 26.06.2018 - Estadi Comunal d'Andorra La Vella

## Sant Julia 0 - Gżira United 2

Gżira United bdew l-impenji tagħhom fl-ewwel round ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA Europa League, b'rebħa ferm importanti ta' 2-0 fuq Sant Julia ta' Andorra. Fl-20 minuta Gżira United rebħu penalty meta Pedro Munoz waqqa' lil AMADOU SAMB fil-kaxxa biex mill-11-il metru l-istess attakkant mis-Senegal ma żbaljax. Fl-44 minuta kien imiss lil Sant Julia li jirbħu penalty meta Rodolfo Soares waqqa' lil Ramael fil-kaxxa, biex mill-11-il metru Mendez naqas li jikseb id-draw. Fil-65 minuta, l-aħjar player fil-ground, Amadou Samb, reġa' ttanta xortih permezz ta' xutt sabiħ iżda l-goalkeeper avversarju Ratti dawwar tajjeb f'corner. Fis-87 minuta, il-Maroons issiġillaw ir-rebħa meta Andrew Cohen għadda tajjeb lejn JORGE PEREIRA DA SILVA li b'eleganza kbira għeleb lill-goalkeeper avversarju.




**St Julia:** 1-Nico Ratti, 5-Pedro Munoz, 6-Vincent Ramael, 7-Francisco Girau (10-Luis Blanco 69), 9-Alberto Molina, 11-Enric Pi, 18-Jonny, 19-Nicolae Vasile, 20-Walter Lee, 21-Joel Mendez (15-Diego Najera 82), 22-José Antonio Aguilar (16-Daniel Gonzalez 87) - Coach: Jesus Baron Tellez

**Gżira U.:** 1-Justin Haber, 4-Destin Prince Loic Mam-bouana, 6-Nikolai Muscat (7-Zachary Scerri 62), 8-Rodolfo Soares, 10-Andrew Cohen, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 20-Edison David Bilbao Zarate, 21-Roderick Briffa, 31-Emmanuel Okoye (23-Jorge Pereira Da Silva 70), 33-Thomas Veronese, 77-Amadou Samb (9-Luca Brincat 90) - Coach: Darren Abdilla

**Referee:** Denys Shurman (Ukrajna)
**Assistenti:** Oleksandr Zhukov, Valentyn Kutsev (Ukrajna)
**Raba' Uffiċjal:** Mykola Balakin (Ukrajna)
**Skorers:** A. Samb 20 pen, J. Pereira Da Silva 87 (GU)
**Ammoniti:** N. Muscat, R. Briffa, A. Samb (G), P. Munoz, A. Molina, E. Pi, D. Najera (SJ)

II Leg - 05.07.2018 - Centenary Stadium

## Gżira United 2 - Sant Julia 1

(Aggregate: 4-1)

Gżira United kienu l-aħjar team u meritatament għelbu lil FC Sant Julia ta' Andorra bl-iskor ta' 2-1 għal aggregate ta' 4-1 biex aċċertaw minn post fl-ewwel round ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA Europa League. Fil-ftuħ tat-tieni taqsima, FC Sant Julia ħarġu ferm aggressivi u fit-62 minuta rnexxielhom isibu x-xibka permezz ta' xutt angolat ta' JOEL MENDEZ DEL RIO.

Iżda huma ma tantx damu jifirħu hekk kif mill-azzjoni li segwiet, il-Maroons rebħu penalty meta l-goalkeeper Ratti mbotta lil Edison Bilbao Zarate fil-kaxxa, biex mill-11-il metru, l-attakkant Senegaliż, AMADOU SAMB, ma żbaljax hekk kif permezz ta' xutt b'saħħtu iżda kemmxejn ċentrali tefa' l-ballun fix-xibka. Fit-88 minuta, it-team minn Andorra spiċċa jilgħab bi player inqas meta tkeċċa għalihom Luis Blanco wara li rċieva it-tieni karta safra. Il-Gżirjani mill-ewwel approfittaw mis-superjoritá numerika hekk kif fil-ħin miżjud issiġillaw ir-rebħa meta Jorge Pereira da Silva, xeħet cross lejn EDISON BILBAO ZARATE li b'xutt fil-baxx minn barra l-kaxxa għeleb għal kollox lil Ratti.

**Gżira U:** 1-Justin Haber, 4-Destin Prince Loic Mambouana, 7-Zachary Scerri (11-Juan Carlos Corbolan 87), 8-Rodolfo Soares, 10-Andrew Cohen, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 20-Edison David Bilbao Zarate, 21-Roderick Briffa, 31-Emmaneul Okoye (6-Nikolai Muscat 70), 33-Thomas Veronese, 77-Amadou Samb (23-Jorge Pereira Da Silva 73) Coach: Darren Abdilla

**St Julia:** 1-Kevin Nicolas Ratti, 4-Jamal Zarioh, 5-Pedro Munoz (16-Daniel Lifiares Gonzalez 76), 6-Vincent Ramael, 10-Luis Bianco, 11-Enric Pi Sola (15-Diego Alejandro Najera Qunitero 57), 18-Jhonatan Vinasco Lopez, 20-Walter Lee, 21- Joel Mendez Del Rio, 22-Jose Antonio Aguilar (7-Francisco Girau 48) Coach: Jesus Baron Tellez

**Referee:** Juxhin Xhaja (Albania)
**Assistenti:** Denis Rexhta, Ilir Tartaraj (Albania)
**Raba' Uffiċjal:** Klajdi Kola (Albania)
**Skorers:** J. Mendez Del Rio 62, (SJ) A. Samb 65 pen, E. D. Bilbao Zarate 90 (GU)
**Ammoniti:** Z. Scerri (G), J. Zarioh, L. Blanco (2), J. Vinasco Lopez (SJ)
**Tkeċċa:** L. Blanco 88 (SJ)

**I Round Preliminari – I Leg - 12.07.2018 - Radicki Stadium**

## Radnicki 4 - Gżira United 0

» Gżira United sfaw megħluba minn Radnicki tas-Serbja, bl-iskor ta' 4-0 biex se tkun diffiċli li jissuperaw dan l-iskor fit-tieni leg għall-kwalifikazzjoni għat-tieni round preliminari tal-UEFA Europa League. L-erba' goals tas-Serbi waslu minn Radovan Pankov (14) doppjetta ta' Nermin Haskic (53, 85) u s-sostitut Marko Mrkic (55).

**Radnicki:** 1-Mladen Zivkovic, 6-Radovan Pankov, 8-Aleksandar Todorovski, 11-Aleksandar Stanisavljevic (7-Sasa Stojanovic 69), 15-Djordje Crnomarkovic, 17-Nermin Haskic, 18-Petar Grbic (24-Aleksandar Jovanovic 83), 23-Dusan Micic, 28-Ryota Noma, 33-Nikola Stankovic, 90-Sladan Nikodijevic (9-Marko Mrkic 46) - Coach: Nenad Lalatovic

**Gżira U.:** 16-Justin Haber, 4-Destin Mambouana (26-Sacha Borg 81), 7-Zach Scerri (6-Nikolai Muscat 63), 8-Rodolfo Soares, 11-Juan Corbolan, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 20-Edison Bilbao Zarate, 21-Roderick Briffa (9-Luca Brincat 78), 23-Jorginho, 33-Thomas Veronese, 77-Amadou Samb - Coach: Darren Abdilla

**Referee:** Jason Barcelo (Ġibiltá)
**Assistenti:** Johan Ward, Andrew Mario Parody (Ġibiltá)
**Raba' Uff.:** Patrick Canepa (Ġibiltá)
**Skorers:** R. Pakov 14, N. Haskic 53, 85, M. Mrkic 55 (R)
**Ammoniti:** C. Gatt Baldacchino, Jorginho (GU); D. Crnomarkovic

**I Round Preliminari – II Leg - 19.07.2018 - Centenary Stadium**

## Gżira United 0 - Radnicki 1

(Aggregate: Radnicki 5-0)

Gżira United sfaw eliminati mill-UEFA Europa League, meta fit-tieni leg tal-ewwel round preliminari ġew megħluba minn Radnicki tas-Serbja bl-iskor minimu ta' 1-0. B'hekk dawn tal-aħħar ikkwalifikaw għar-round li jmiss b'aggregate ta' 5-0, wara li fl-ewwel leg fis-Serbja, kienu ħarġu rebbieħa bl-iskor kbir ta' 4-0. Għall-konfini ta' statistika, f'din il-partita, il-midfielder veteran Roderick Briffa sar l-aktar player Malti li lagħab partiti mill-kompetizzjonijiet Ewropej b'total ta' 41 biex kiser ir-rekord tal-leġġendarju ta' Valletta, Gilbert Agius. Radnicki għamlu l-intenzjonijiet tagħhom ċari mal-ftuħ tal-partita u wara biss tmien minuti fetħu l-iskor meta Aleksandar Stanisavljevic indirizza free-kick perikoluż fejn RADOVAN PANKOV għola tajjeb u permezz ta' daqqa ta' ras mill-viċin tefa' l-ballun fix-xibka.

**Gżira Utd:** 1-Anthony Curmi, 7-Zachary Scerri, 8-Rodolfo Soares, 10-Andrew Cohen (31-Emmanuel Okoye 65), 11-Juan Carlos Corbolan (19-Christian Sammut 82), 13-Clifford Gatt Baldacchino, 20-Edison David Bilbao Zarate, 21-Roderick Briffa, 23-Jorge Pereira Da Silva (9-Luca Brincat 75), 26-Sacha Borg, 33-Thomas Veronese - Coach: Darren Abdilla

**Radnicki:** 1-Mladen Zivkovic, Radovan Pankov, 8-Aleksandar Todorovski, 9-Marko Mrkic, 11-Aleksandar Stanisavljevic, 15-Djordje Crnomarkovic (14-Taras Bondarenko 34), 17-Nermin Haskic (90-Slatan Nikodijevic 62), 18-Petar Grbic (21-Aleksa Jovanovic 46), 23-Dusan Micic, 28-Ryota Noma, 33-Nikola Stankovic - Coach: Nenad Lalatovic

**Referee:** Suren Baliyan (Armenja)
**Ass. Referees:** Erik Arevshatyan, Vanik Simonyan (Armenja)
**Raba' Uff:** Artak Simonyan (Armenja)
**Skorer:** R. Pankov 8 (R)
**Ammoniti:** E. Okoye (Gu), N. Stankovic (R)
**Attendenza:** 509



# BALZAN FL-ISTORJA WKOLL

## BALZAN 4 - KESLA 1


Ritratt Walter Sargent

» Balzan kellhom wirja ferm konvinċenti u meritatament ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-1 fuq it-team mill-Azerbaijan, Kesla, biex b'hekk għamlu pass importanti għall-kwalifikazzjoni għat-tieni round preliminari tal-UEFA Europa League. Fit-12-il minuta, fl-ewwel azzjoni denja, Balzan fetħu l-iskor meta De Fiori Mendes għadda tajjeb lejn Bojan Kaljevic li min-naħa tiegħu ħalla l-ballun għall-attakkant ALFRED EFFIONG, li miċ-ċentru tal-kaxxa l-kbira tefa' l-ballun fir-rokna tax-xibka. Huma komplew juru l-aħjar logħob u fil-21 minuta rduppjaw l-iskor meta Milos Lepovic serva lil De Fiori Mendes li bit-takkuna għadda tajjeb lejn ALEX DA PAIXAO ALVES, li mill-viċin tefa' l-ballun wara l-goalkeeper ta' Kesla, Kamran Agayev. Iżda t-team mill-Azerbaijan wettaq reazzjoni mmedjata u fit-28 minuta rebaħ penalty meta tentattiv minn cross fil-kaxxa ta' Slavik Alkhasov ħabat ma' id l-awtur tat-tieni goal ta' Balzan, Alex Da Paixao Alves, li f'dak il-mument kien qed jgħin lil sħabu fid-difiża.

Mill-11-il metru nkariga CESAR MEZA COLLI, li ma żbaljax li permezz ta' xutt fil-baxx tefa' l-ballun fir-rokna tax-xibka. Madankollu, fl-34 minuta, Balzan reġgħu fetħu vantaġġ ta' żewġ goals meta De Fiori Mendes indirizza corner preċiż lejn BOJAN KALJEVIC li mill-viċin u b'intuwizzjoni naturali għall-goal tefa' l-ballun fix-xibka. Fil-ftuħ tat-tieni taqsima Balzan komplew jikkonfermaw il-qawwa tagħhom u fil-55 minuta ssiġillaw ir-rebħa permezz ta' xutt minn tarf il-kaxxa mill-isbaħ ta' EDUARDO CARLOS DE FIORI MENDES, li ma ta l-ebda ċans lil Kamran Agayev li jsalva. Fis-66 minuta, il-Balzanin setgħu faċilment skorjaw il-ħames goal meta Kaljevic għadda tajjeb lejn Uros Ljubomirac iżda kellu x-xutt mill-viċin jintemm ftit barra. Sat-tmiem huma baqgħu jamministraw il-logħba.

**Balzan:** 83-Steve Sultana, 8-Nenad Slivic (42-Ricardo Calixto Correa Duarte 85), 9-Alex da Paixao Alves, 11-Steve Bezzina, 15-Michael Johnson, 17-Alfred Effiong (18-Uros Ljubomirac 62), 20-Ivan Bozovic, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 30-Eduardo Carlos De Fiori Mendes, 86-Bojan Kaljevic (50-Andrija Majdevac 78), 99-Milos Lepovic - Coach: Marko Micovic

**Kesla:** 1-Kamran Agayev, 2-Sertan Tashgin (21-Herve Christian Tchami Ngangoue 84), 3-Denis Silva, 4-Slavik Alkhasov, 7-Vagif Javadov (88-Mammad Guliyev 63), 10-Cesar Meza Colli, 14-Andre Clennon, 19-Aze2r Salahli, 24-Fuad Bayramov (8-Milos Bosancic 60), 33-Tarlan Guliyev, 90-Ebrima Sohna - Coach: Yuriy Maksymov

**Referee:** Volen Chinkov (BUL)
**Ass. Referees:** Georgi Doynov, Deniz Sokolov (BUL)
**Raba' Uff:** Dragomir Draganov (BUL)
**Skorers:** A. Effiong 12, A. Da Paixao Alves 21, B. Kaljevic 34 , E. C. De Fiori Mendes 55 (B), C. Meza Colli pen. 29 (K)
**Ammoniti**: F.Bayramov, E. Sohna (K), M. Lepovic, E. C. De Fiori Mendes (B)

**I Round Preliminari – II Leg - 19.08.2018 - Dalga Arena – Kesla**

## KESLA 2 - BALZAN 1

(Aggregate: Balzan 5-3)

Minkejja li Balzan sfaw megħluba bl-iskor ta' 2-1 minn Kesla ta' Azerbaijan, huma xorta waħda għaddew għar-round li jmiss b'aggregate ta' 5-3. Il-goals tal-avversarji waslu minn penalty ta' Cesar Meza Colli (11) u Slavik Alkhasov (91) filwaqt li Andrija Majdevac (96) wieġeb għall-Balzanin.

**Kesla: 1** -Kamran Agayev, 2-Sertan Tashgin (88-Mammad Guliyev 85), 3-Denis Silva, 4-Slavik Alkhasov, 8-Milos Bosancic (21-Herve Tchami Ngangoue 74), 10-Cesar Meza Colli, 11-Bakhodir Nasimov (9-Amil Yunanov 64), 14-Andre Clennon, 27-Adrian Scarlatache, 33-Tarlan Guliyev, 90-Ebrima Sohna - Coach: Zaur Ismayilov

**Balzan:** 83-Steve Sultana, 8-Nenad Slivic, 11-Steve Bezzina, 15-Michael Johnson, 17-Alfred Effiong (4-Justin Grioli 69), 18-Uros Ljubomirac (9-Alex da Paixao Alves 59), 20-Ivan Brozovic, 23-Elkin Serrano, 30-Carlos Eduardo de Fiori Mendes, 86-Bojan Kaljevic (50-Andrija Majdevac 85), 99-Milos Lepovic - Coach: Marko Micovic

**Referee:** Mikhail Vilkov (Russja)
**Assistenti:** Aleksei Vorontsov, Vladimir Minevich (Russja)
**Raba' Uff.:** Aleksei Sukhoi (Russja)
**Skorers:** M. Colli 11 pen, S. Alkhasov 91 (K); A. Majdevac 96 (B)
**Ammoniti:** E. Serrano, N. Slivic, S. Sultana (B); M. Colli, A. Scarlatache (K) «

# WIRJIET KONVINĊENTI MHUX BIŻŻEJJED GĦAL BIRKIRKARA



I Leg - 28.06.2018 - Centenary Stadium

## BIRKIRKARA 1 - KI KLAKSVIK 1

» Għall-Karkariżi ddebuttaw seba' players li kienu Stanimir Miloskovic, Michael Mifsud, Uchenna Calistus Umeh, Marcelinho, Fabiano, Arian Mrsulja u Eduardo Mancha.

**Birkirkara:** 26-Kristijan Naumovski, 2-Edward Herrera, 5-Arian Mrsulja, 7-Mislav Andjelkovic, 10-Jake Grech, 14-Eduardo Ferriera dos Santos, 17-Michael Mifsud, 20-Fabiano, 22-Cain Attard, 30-Marcelinho (4-Stanismir Miloskovic 80), 32-Uchenna Calistus Umeh. Coach: Paul Zammit

**Klaskvik:** 1-Kristian Joensen, 4-Marko Dusak (25-Steinbjorn Olsen 71), 5-Deni Pavlovic, 8-Joannes Bjartalio (7-Ronni Moller-Iversen 82), 9-Pall Klettskard, 17-Hordur Askham, 18-Olavur Niclasen (12-Mikkjal A. Bergi 85), 19-Jakup Andreasen, 21-Boris Dosijak, 22-Semir Hadzibulic, 23-Joannes Kalso Danielsen. Coach: Mikkjal Kjartansson Poulsen

**Referee:** Besfort Kasumi (Kosovo)
**Ass. Referees:** Edmond Zeqiri, Fatmir Sekiraqa (Kosovo)
**Raba' Uff:** Genc Nuza (Kosovo)
**Skorers:** M. Mifsud 72 (B); D. Pavlovic 87 (K)
**Ammoniti:** M. Mifsud 72 (B), D. Pavlovic 87 (K)

II Leg - 05.07.2018 - Gundadalur Stadium

## KI KLAKSVIK 2 - BIRKIRKARA 1

Aggregate: KI Klaksvik 3-2

Birkirkara sfaw eliminati mill-kompetizzjoni meta sfaw megħluba minn KI Klaksvik ta' Faroe Islands bl-iskor ta' 2-1 biex dawn tal-aħħar għaddew b'aggregate ta' 3-2. Għal Birkirkara skorja Marcelinho (90).

**KI Klaksvik:** 1-Kristian Joensen, 3-Isak Simonsen, 5-Deni Pavlovic, 18-Olavur Niclasen, 7-Ronni Moller-Iversen, 17-Hordur Askham, 19-Jakup Andreasen, 21-Boris Dosljak, 22-Semir Hadzibulic (25-Steinbjorn Olsen 86) (10-Hjalgrim Elttor 93), 9-Pall Klettskard, 23-Joannes Danielsen - Coach: Mikkjal Thomassen

**Birkirkara:** 1-Kristijan Naumovski, 3-Neil Micallef (2-Edward Herrera 61), 5-Arian Mrsulja, 14-Eduardo Ferriera dos Santos, 7-Mislav Andelkovic, 10-Jake Grech (4-Stanimir Miloskovic 73), 22-Cain Attard, 17-Michael Mifsud, 20-Fabiano, 30-Marcelinho, 32-Uchenna Calistus Umeh (25-Gianluca Zammit 80) - Coach: Paul Zammit

**Referee:** Kristoffer Karlsson (Svezja)
**Assistenti:** Peter Magnusson, Mikael Hallin (Svezja)
**Raba' Uffiċjal:** Andreas Ekberg (Svezja)
**Skorers:** D. Pavlovic 45, P. Klettskard 59 (K); Marcelinho 91 (B)
**Ammoniti:** S. Hadzibulic (K); A. Mrsulja, Marcelinho, M. Mifsud, E. Ferriera dos Santos (B) «



# CHRIST MILLS U T-TIM MALTI

## JIRBĦU L-KAMPJONATI MONDJALI







Is-Segretarju Parlamentari għall-Isport Clifton Grima mal-players Maltin mal-wasla tagħhom f'pajjiżna




Għal darba oħra fl-istorja tal-Malta Pool Association, it-timijiet nazzjonali u players Maltin tal-Pool, kisbu riżultati prestiġjużi fil-kampjonati mondjali li jsiru kull sena ġewwa Blackpool l-Ingilterra. Matul dawn il-kampjonati b' prestazzjoni mpekkabli l-player Malti Christ Mills irnexxilu jikseb tliet titli fil-kategorija Over 50's . Fl-ewwel tournament, dak tal-World Masters, Mills wera l-kapaċitajiet tiegħu u fażi wara fażi kiseb post fil-finali meta ltaqgħa kontra l-player mill-Irlanda ta' Fuq Tom Bagnall. Konċentrat sa' l-aħhar Mills kiseb rebħa kbira ta' 6-2 u rregala lilu nnifsu l-ewwel titlu internazzjonali. Dan is-suċċess kompla żied l-istamina u l-kunfidenza tal-player Malti u b' determinazzjoni kbira kompla fejn ħalla u għal darba oħra kiseb post fil-finali tal-istess kategorija tal-kampjonati mondjali. Matul il-kampjonati tad-dinja Christ Mills elimina lill-ex-champion tad-dinja Keith Brewer b' rebħa solida ta' 7-4. Fil-finali Mills iltaqgħa kontra l-player Ingliż Pat Ward u ħareġ rebbieħ bl-iskor konvinċenti ta' 8-5.

Wara dawn iż-żewġ rebħiet storiċi Mills kompla l-parteċipazzjoni tiegħu fil-kampjonati tat-timijiet ta' l-istess kategorija fejn Malta kienet rappreżentata b' tim li kien kompost minn Christ Mills, Brian Grech, Marco Bonello, Tonio Mifsud, Marcel Attard u Alfred Attard. Fl-ewwel fażi tal-gruppi t-tim Malti spiċċa fit-tieni post u kkwalifika għas-semi finali meta ltaqa' kontra t-tim qawwi tal-Indja u ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 13-10. Fil-finali Malta ltaqgħet kontra t-tim nazzjonali ta' l-Irlanda ta' Fuq wara li dawn ta' l-aħħar sorprendentament għelbu lit-tim nazzjonali Ingliż bl-iskor ta' 13-12. B' determinazzjoni kbira l-players Maltin kisbu vantaġġ ta' 5-0 fl-ewwel sezzjoni u b' konċentrazzjoni assoluta komplew kabbru l-vantaġġ u kisbu r-rebħa finali bi skor ta' 13-5 u t-titlu ta' champions tad-dinja. F' dawn il-kampjonati tat-timijiet Christ Mills reġa kien protagonista meta rebaħ il-Player of the Tournament Award tal-kategorija, unur li jingħata lill-player li l-aktar jirbaħ frames matul il-fażi tal-gruppi.

It-tim Malti taż-żgħażagħ ta' taħt it-tlieta u għoxrin sena, champions renjanti tal-kampjonati Ewropej, rnexxilu jikkwalifika għas-semi finali u kien pass biss il-bogħod milli jikseb post fil-finali. F' semi finali mill-aktar eċċitanti, kontra t-tim nazzjonali Ingliż, kellu jkun il-frame deċiżiv li ta r-rebħa ta' 4-5 lit-tim Brittaniku wara li l-player Malti tilef okkażjoni brillanti li jagħlaq il-logħba.

Vincent Degiorgio, segretarju ġenerali tal-Malta Pool Association, li għal darba oħra ġie elett bħala teżorier tal-federazzjoni mondjali tal-Pool, f'kummenti li ta lil Sportiv qal li dawn kienu kampjonati ta' suċċess għal Malta, għall-players Maltin kif ukoll għall-assoċjazzjoni li fil-passat rebħet tliet darbiet il-kampjonati Ewropej ta' l-Irġiel, darba l-kampjonati Ewropej taż-żgħażagħ ta' taħt it-tmintax –il sena, tliet darbiet il-kampjonati Ewropej taż-żgħażagħ ta' taħt it-tlieta u għoxrin sena u darba l-kampjonati mondjali tal-kategorija taż-żgħażagħ ta' taħt il-wieħed u għoxrin sena". Huwa kompla billi rringrazzja lill-players u l-familjari tagħhom tas-sagrifiċċji li jagħmlu biex iżommu dan il-livell. Degiorgio kkonferma li l-Malta Pool Association ser tibgħat kontinġent akbar għall-kampjonati Ewropej li ser isiru ġewwa l-Irlanda fi Frar tas-sena d-dieħla li ser jinkludi żewġ timijiet A u B ta' l-Irgiel u timijiet fil-kategoriji taż-żgħażagħ ta' taħt it-tmintax –il sena u tlieta u għoxrin sena kif ukoll tim fil-kategorija il-fuq minn 50 sena. L-assoċjazzjoni ser tkopri l-ispejjes ta' dawn it-timijiet kollha.

# FRANZA
## FI KLASSI GĦALIHOM







» Franza saru champions tad-dinja għat-tieni darba fl-istorja meta fil-finali għelbu lill-Kroazja bl-iskor ta' 4-2.

Fil-veritá kienet ħasra li xi ħadd minn dawn it-timijiet kellu joħroġ tellief u għaldaqstant wieħed ma jistax ma jħossx għall-Kroati li kienu denji fi triqithom lejn il-finali. Għall-kronaka, Franza fetħu l-iskor fit-18-il minuta meta mill-free-kick insidjuż ta' Antoine Griezmann, Mario Mandzukic ikkommetta auto-goal fit-tentattiv li jikklerja bir-ras.

Iżda l-Franċiżi ftit damu jifirħu hekk kif 10 minuti wara, il-Kroati kisbu d-draw meta mill-free-kick ta' Luka Modric, Sime Vrsaljko bir-ras għadda lejn Mandzukic li b'daqqa ta' ras oħra serva lil Domagoj Vida li pprovda l-assist lil IVAN PERISIC, li b'xutt qawwi u angolat tefa' l-ballun fir-rokna tax-xibka.

Madankollu, fis-37 minuta, Franza ingħataw penalty permezz tal-VAR meta minn azzjoni ta' corner, Ivan Persic mess il-ballun b'idu fil-kaxxa.

Mill-11-il metru, ANTOINE GRIEZMANN ma żbaljax meta b'xutt fil-baxx tefa' l-ballun naħa u lill-goalkeper Danijel Subasic, in-naħa opposta. Tajjeb wieħed jirrimarka li kull meta Griezmann skorja għal pajjiżu, Franza qatt ma ħarġu tellief.

Fil-ftuħ tat-tieni taqsima, il-Kroati ħarġu ferm aggressivi u fit-48 minuta, Ivan Rakitic qata' lid-difiża avversarja permezz ta' through pass lejn Ante Rebic li ħareġ l-aħjar tal-goalkeeper Franċiż, Hugo Lloris, li dawwar il-ballun f'corner. Huma komplew juru l-aħjar logħob u fid-59 minuta, Griezmann għadda tajjeb lejn PAUL POGBA,



li permezz ta' xutt minn barra l-kaxxa, tefa' l-ballun fix-xibka wara li l-ewwel xutt tiegħu ġie mblukkat.

Fil-65 minuta, Franza aċċertaw mir-rebħa meta KYLIAN MBAPPE b'xutt fil-baxx minn barra l-kaxxa ħasad għal kollox lil Subasic Erba' minuti wara, il-Kroati naqqsu l-marġni tal-iskor meta MARIO MANDZUKIC approfitta minn indeċiżjoni ta' Hugo Lloris u xeħet il-ballun fix-xibka. Iżda fl-aħħar 20 minuta, il-Franċiżi amministraw il-logħba biex is-suffara finali rathom champions tad-dinja.

**Franza**: 1-Hugo Lloris, 2-Benjamin 4-Pavard, 4-Raphael Varane, 5-Samuel Umtiti, 6-Paul Pogba, 7-Antoine Griezmann, 9-Olivier Giroud (18-Nabil Fekir 81), 10-Kylian Mbappe, 13-N'Golo Kante (15-Steven Nzonzi 55), 14-Blaise Matuidi (12-Corentin Tolisso 73), 21-Lucas Hernandez - Coach: Didier Deschamps

**Kroazja:** 23-Danijel Subasic, Sime Vrsaljko, 3-Ivan Strinic (20-Marko Pjaca 82), 4-Ivan Perisic, 6-Dejan Lovren, 7-Ivan Rakitic, 10-Luka Modric, 11-Marcelo Brozovic, 17-Mario Mandzukic, 18-Ante Rebic (9-Andrej Kramaric 81), 21-Domagoj Vida - Coach: Zlatko Dalic

**Referee:** Nestor Pitana (Arġentina)
**Assistenti**: Hernan Maidana, Juan Pablo Belatti (Arġentina)
**Raba' Uffiċjal:** Bjorn Kuipers (Olanda)
**Skorers:** M. Mandzukic 18 o.g., A. Griezmann 38 pen, P. Pogba 59, K. Mbappe 65 (F); I. Perisic 28, M. Mandzukic 69 (K)
**Ammoniti:** N. Kante, L. Hernandez (F), S. Vrsaljko (K)
**Attendenza:** 78,011




VARANE
DEMBELE
LEMAR








# STATISTIKA TAZZA TAD-DINJA

**Partiti milgħuba** – 64

**L-aqwa skorers** – Harry Kane (Ingilterra) 6 goals; Antoine Griezmann (Franza) Romelu Lukaku (Belġju), Denis Cheryshev (Russja), Cristiano Ronaldo (Portugal), Kylian Mbappe (Franza); 4 goals.

**Numru ta' goals skorjati** – 169

**Karti sofor** – 219

**Karti ħomor** – 4

**Rebbiċħa Tazza tad-Dinja**

Brażil (ħames darbiet) – 1958, 1962, 1970, 1994, 2002

Ġermanja – (erba' darbiet) – 1954, 1974, 1990, 2014

Italja – (erba' darbiet) – 1934, 1938, 1982, 2006

Arġentina (darbtejn) – 1978, 1986

Franza (darbtejn) – 1998, 2018

Uruguay (darbtejn) – 1930, 1950

Ingilterra (darba) – 1966

Spanja (darba) - 2010

# FRA
# CHAMPIONS



# NZA TAD-DINJA



# IR-RIŻULTATI KOLLHA TAT-TAZZA TAD-DINJA 2018




## Fażi tal-Gruppi
## Riżultati u klassifiki

### GRUPP A

Russja v Arabja Sawdita ..... 5-0
Urugwaj v Eġittu ..... 1-0
Russja v Eġittu ..... 3-1
Urugwaj v Arabja Sawdita ..... 1-0
Arabja Sawdita v Eġittu ..... 2-1
Urugwaj v Russja ..... 3-0

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Urugwaj | 3 | 3 | 0 | 0 | 5 | 0 | 9 |
| Russja | 3 | 2 | 0 | 1 | 8 | 4 | 6 |
| A. Sawdita | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 7 | 3 |
| Eġittu | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 6 | 0 |

### GRUPP B

Iran v Marokk ..... 1-0
Portugall v Spanja ..... 3-3
Portugall v Marokk ..... 1-0
Spanja v Iran ..... 1-0
Portugall v Iran ..... 1-1
Marokk v Spanja ..... 2-2

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | 3 | 1 | 2 | 0 | 6 | 5 | 5 |
| Portugall | 3 | 1 | 2 | 0 | 5 | 4 | 5 |
| Iran | 3 | 1 | 1 | 1 | 2 | 2 | 4 |
| Marokk | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 4 | 1 |

### GRUPP C

Franza v Awstralja ..... 2-1
Danimarka v Perú ..... 1-0
Danimarka v Awstralja ..... 1-1
Franza v Perú ..... 1-0
Perú v Awstralja ..... 2-0
Danimarka v Franza ..... 0-0

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Franza | 3 | 2 | 1 | 0 | 3 | 1 | 7 |
| Danimarka | 3 | 1 | 2 | 0 | 2 | 1 | 5 |
| Perú | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 2 | 3 |
| Awstralja | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 5 | 1 |

### GRUPP D

Argentina v Islanda ..... 1-1
Kroazja v Niġerja ..... 2-0
Kroazja v Arġentina ..... 3-0
Niġerja v Islanda ..... 2-0
Kroazja v Islanda ..... 2-1
Arġentina v Niġerja ..... 2-1

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kroazja | 3 | 3 | 0 | 0 | 7 | 1 | 9 |
| Arġentina | 3 | 1 | 1 | 1 | 3 | 5 | 4 |
| Niġerja | 3 | 1 | 0 | 2 | 3 | 4 | 3 |
| Islanda | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 5 | 1 |

### GRUPP E

Serbja v Costa Rica ..... 1-0
Brażil v Svizzera ..... 1-1
Brażil v Costa Rica ..... 2-0
Svizzera v Serbja ..... 2-1
Brażil v Serbja ..... 2-0
Svizzera v Costa Rica ..... 2-2

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Brażil | 3 | 2 | 1 | 0 | 5 | 1 | 7 |
| Svizzera | 3 | 1 | 2 | 0 | 5 | 4 | 5 |
| Serbja | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 4 | 3 |
| Costa Rica | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 5 | 1 |

### GRUPP F

Messiku v Ġermanja ..... 1-0
Svezja v Korea t'Isfel ..... 1-0
Messiku v Korea t'Isfel ..... 2-1
Ġermanja v Svezja ..... 2-1
Korea t'Isfel v Ġermanja ..... 2-0
Svezja v Messiku ..... 3-0

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Svezja | 3 | 2 | 0 | 1 | 5 | 2 | 6 |
| Messiku | 3 | 2 | 0 | 1 | 3 | 4 | 6 |
| Korea t'Isfel | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 3 | 3 |
| Ġermanja | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 3 | 3 |

### GRUPP G

Belġju v Panama ..... 3-0
Ingilterra v Tuneżija ..... 2-1
Belġju v Tuneżija ..... 5-2
Ingilterra v Panama ..... 6-1
Belġju v Ingilterra ..... 1-0
Tuneżija v Panama ..... 2-1

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Belġju | 3 | 3 | 0 | 0 | 9 | 2 | 9 |
| Ingilterra | 3 | 2 | 0 | 1 | 8 | 3 | 6 |
| Tuneżija | 3 | 1 | 0 | 2 | 5 | 8 | 3 |
| Panama | 3 | 0 | 0 | 3 | 2 | 11 | 0 |

### GRUPP H

Ġappun v Kolumbja ..... 2-1
Senegal v Polonja ..... 2-1
Ġappun v Senegal ..... 2-2
Kolumbja v Polonja ..... 3-0
Polonja v Ġappun ..... 1-0
Kolumbja v Senegal ..... 1-0

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kolumbja | 3 | 2 | 0 | 1 | 5 | 2 | 6 |
| Ġappun | 3 | 1 | 1 | 1 | 4 | 4 | 4 |
| Senegal | 3 | 1 | 1 | 1 | 4 | 4 | 4 |
| Polonja | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 5 | 3 |




## It-Tieni Round

Franza v Arġentina ........ 4-3
Urugwaj v Portugall ........ 2-1
Spanja v Russja ........ 1-1
*(Russja 4-3 bil-penalties)*
Kroazja v Danimarka ........ 1-1
*(Kroazja 3-2 bil-penalties)*
Brażil v Messiku ........ 2-0
Belġju v Ġappun ........ 3-2
Svezja v Svizzera ........ 1-0
Kolumbja v Ingilterra ........ 1-1
*(Ingilterra 4-3 bil-penalties)*

## Kwarti-Finali

Urugwaj v Franza ........ 0-2
Brażil v Belġju ........ 1-2
Svezja v Ingilterra ........ 0-2
Russja v Kroazja ........ 2-2
*(Kroazja 4-3 bil-penalties)*

## Semi-Finali

Franza v Belġju ........ 1-0
Kroazja v Ingilterra ........ 2-1
*(wara l-ħin barrani)*

## It-Tielet Post

Belġju v Ingilterra ........ 2-0

## Finali

15 ta' Lulju
Luzhniki Stadium - Moska
**Franza v Kroazja ........ 4-2**
*Skorers: Mario Mandzukic 18 o.g., Antoine Griezmann 38 pen, Paul Pogba 59, Kylian Mbappe 65 (F); Ivan Perisic 28, Mario Mandzukic 69 (K)*

# WATERPOLO TAS-SAJF 2018
## TLIET PLAYERS TA' KLASSI MONDJALI QED JILAGĦBU F'MALTA



**» 11-il player u seba' kowċis barranin fil-Kampjonati Maltin**
11-il player u seba' kowċis kollha barranin ġew ingaġġati minn 11-il club li qed jieħdu sehem fiż-żewġ kampjonati tal-Waterpolo li torganizza kull Sajf l-ASA. Tlieta mill-11-il player li qed jilagħbu fil-Kampjonat Premier ma' Sliema, Neptunes u Exiles huma ta' klassi mondjali u t-tlieta eks Champions Olimpiċi.

Dawn huma il-Kroati Paulo Obradovic u Petar Muslim u s-Serb Nikic Slobodan li jilagħbu maċ-Champions San Giljan Tum Invest, Neptunes Leoi Vegas u Exiles Jetfreight rispettivament. Apparti dawn it-tliet players, skont il-kowċ nazzjonali Karl Izzo, f'kumment li ta waqt programm televisiv dwar il-Waterpolo, qal li il-players barranin li qed jilagħbu f'Malta hu kuntent bihom għax huma ta' livell għoli u dan jagħmel ġid il-logħba inġenerali.

**Il-players l-oħra li qed jilagħbu f'Malta huma:**
Christian Mirarci (Sirens Greenlube)
Christian Prescuiti (Sliema Frank Salt)
Stefano Luongo (Marsaxlokk Browns Pharmacy)
Marathon Toth (Valletta Videoslots)
Stefano Luongo (Marsaxlokk Browns Pharmacy)
Darko Brguljan (Birzebbuga Freeport)
Andrija Vlahovic (Marsaskala Transcripta)
Nicola Dedovic (Ta' Xbiex Amigos)
Miklos Gornagy (Otters Nivea)

Il-player Kroat taċ-Champions San Ġiljan, li għandu 32 sena, kien rebaħ il-midalja tad-deheb fl-Olimpjadi tal-2012. Kien rebaħ midalja oħra tad-deheb fil-kampjonati Ewropej li kienu saru f'Zagreb fl-2010. Obradovic li fil-preżent jilgħab mat-tim Grieg ta' Olimpiacos rebaħ ukoll midalja tad-deheb fil-Logħob tal-Mediterran f'Mersin fl-2013. Hu rebaħ ukoll midalja taf-fidda u tlieta tal-bronż waqt il-Kampjonati tad-Dinja tal-FINA u midalja tal-fidda u tnejn tal-bronż waqt il-FINA World League. Obradovic rebaħ dawn it-titli kollha bejn l-2009 u l-2013.

Petar Muslim ukoll Kroat li qed jilgħab ma' Neptunes, għandu 30 sena . Hu rebaħ 10 midalji fosthom erbgħa tad-deheb. L-iktar sinnifikanti l-midalja mirbuħa fl-Olimpjadi ta' Londra fl-2012. Il-midalji l-oħra rebaħhom fil-Kampjonat Ewropew f'Zagreb fl-2010, fil-World League fl-2012 f'Almaty u fil-Logħob tal-Mediterran f'Mersin fl-2013.

Il-player tal-Exiles Nikic Slobodan, li hu Serb, għandu 35 sena, hu fil-livell ta' Obradovic u Muslim u bħalhom rebaħ ħafna titli. L-aktar riċenti kienet il-midalja tad-deheb mirbuħa mis-Serbja waqt l-Olimpjadi ta' Rio ta' sentejn ilu. Slobodan li hu l-aktar player li lagħab għall-pajjiżu, rebaħ total ta' 14-il midalja tul il-karriera tiegħu. Hu rebaħ tliet midalji tad-deheb, waħda fidda u oħra bronż fil-Kampjonati tad-Dinja.



Ħames midalji tad-deheb, waħda fidda u oħra bronż fil-Kampjonati Ewropej; disa' midalji tad-deheb, waħda fidda u oħra bronż waqt il-FINA World League minbarra li rebaħ ukoll żewġ midalji tad-deheb waqt il-FINA World Cup u oħra tad-deheb f'Pescara 2009 waqt il-Logħob tal-Mediterran. Fost it-timijiet li lagħab magħhom Slobodan kien hemm Pro Recco u Galatasaray u fil-preżent hu player ta' Orvosegyetem SC.

Player ieħor bi kredenzjali tajbin hu t-Taljan Christian Prescuiti li ta' 36 sena għadu jilgħab ma' AN Brescia. Dan il-player fl-Olimpjadi ta' Londra u f'dawk ta' Rio rebaħ midalja tal-fidda u oħra tal-bronż rispettivament. F'Shanghai fl-2011 rebaħ midalja tad-deheb waqt il-Kampjonati tad-Dinja minbarra li rebaħ ukoll midalja tal-fidda u oħra tal-bronż waqt il-World League u midalja tal-fidda waqt il-Kampjonati Ewropej.

Prescuiti ma' Pro Recco rebaħ il-Kampjonat Taljan, il-Coppa u s-Super Cup tal-LEN fl-2008-09. Reġa' rebaħ il-Coppa ma' Brescia fl-2011-12 u l-aħħar unur li rebaħ kienet it-Tazza LEN ma' AN Brescia fl-2015-16. Player ieħor interessanti hu l-Kanadiż Nicolas Constantino Bicari li għandu 27 sena u li f'Malta qed jilgħab ma' Sirens.

Dan il-player jilgħab fi Franza ma' Marseille li magħhom rebaħ il-Kampjonat Franċiż fl-istaġun 2012-13. Dan il-player kien ma' dan it-tim Franċiż bejn l-2012 u 2014 u reġa' ingħaqad magħhom fl-2015 wara li għamel l-istaġun 2014-15 jilgħab ma' Jug Dubrovnik.

Fil-Kampjonat ta' l-Ewwel Diviżjoni hemm tliet players oħra ta' kalibru internazzjonali. It-Taljan Stefano Luongo, il-player ta' Marsaxlokk, lagħab ma' diversi timijiet fosthom Pro Recco. Fil-preżent it-tim tiegħu hu Sport Management. Lagħab 29 darba mal-Italja u rebaħ midalja tal-fidda fl-Ewropej ta' Zagreb fl-2010.

Darko Brguljan il-player li qed jilgħab ma' Birżebbuġa hu mill-Montenegro. Għandu 27 sena u fil-preżent jilgħab ma' Napoli. Man-nazzjonal ta' pajjiżu rebaħ żewġ midalji tal-fidda fil-Kampjonati Ewropej tal-2013 f'Barcelona u tal-2016 f'Belgrade. Sentejn ilu ħa sehem fl-Olimpjadi ta' Rio u l-Montenegro spiċċa fir-raba' post.

Interessanti wkoll hu l-player Ungeriż Miklos Gornagy li għandu 35 sena. F'Malta qed jilgħab mat-tim Għawdxi ta' Otters Nivea. B'173 logħba mat-tim nazzjonali, Miklos fil-preżent jilgħab ma' Ferencvaros. Hu rebaħ diversi midalji, disgħa b'kollox fosthom waħda tad-deheb waqt il-Kampjonati Mondjali li saru f'Budapest fl-2017. F'kompetizzjonijiet oħra internazzjonali rebaħ tmien midalji tal-fidda.

Dawn il-players kollha qed ikomplu jgħollu l-livell tal-kampjonat Malti li ċ-Champions San Ġiljan huma favoriti li jerġgħu jirbħu fost l-isfida li mistennija jkollhom minn Neptunes u Sliema. Numru ta' kowċis barranin ukoll qed jimmilitaw fil-Kampjonati Maltin. Hemm sitta fil-Premier u wieħed fl-Ewwel Diviżjoni ma' Marsaxlokk, Roman Polacik.

**Is-sitt kowċis barranin fil-Premier huma:**

Marco Baldinetti ( Sirens Greentube)
Marko Orlovic (San Ġiljan Tum Invest)
Jovan Popovic (Neptunes Leo Vegas)
Marko Cuk ( Exiles Jetfreight)
Sergio Afric (Sliema Frank Salt)
Bogdan Rath (Valletta Videoslots)

Fil-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni hemm erba' kowċis Maltin. Joe Caruana Dingli ma' Ta' Xbiex, Pierre Borg ma' Marsaskala, Anthony Farrugia ma' Birżebbuġa u Keith Grima Scott mat-tim Għawdxi ta' Otters. ((



Rodney Gatt isellem lill-pubbliku fil-korsa ta' Aby
(Ritratt Malin Albinsson)

# "SODISFATT LI KKWALIFIKAJT GĦALL-KAMPJONAT DINJI"

**RODNEY GATT, SEWWIEQ**

» Ix-xahar ta' Ġunju żgur li se jibqa wieħed memorabbli għall-aqwa sewwieq tal-istaġun li għadda Rodney Gatt. Dan meta Gatt, minn Hal Tarxien, irrapreżenta lil pajjiżna fil-kampjonat Ewropew għal sewwieqa professjonali li sar fis-27 u t-28 ta' Ġunju fin-Norveġja u l-Isvezja. Għalkemm ma kienx wieħed mill-favoriti, is-sewwieq Malti rnexxielu jikkwalifika għall-Kampjonat Dinji tas-Sewwieqa professjonali li se jsir fl-Isvezja wkoll is-sena d-dieħla.

Il-polza ma tantx daħket lil Gatt, madanakollu s-sewwieq Malti xorta wera l-kapaċita' tiegħu fejn fost l-għaxar tiġrijiet li saq fil-koros ta' Bjerke fin-Norveġja u Aby fl-Isvezja rnexxielu anke joħroġ rebbieħ f'tiġrija. Wara li fl-ewwel ġurnata huwa kien qed jokkupa d-disa' post tal-klassifika, fit-tieni ġurnata rnexxielu jirkupra sew tant li spiċċa fit-tielet post b'total ta' 70 punt. Eventwalment wara t-tieni jum ta' kompetizzjoni, Gatt ġie kklassifikat is-sitta fost it-tnax –il sewwieq li pparteċipaw. B'hekk, Rodney Gatt is-sena d-dieħla ser ikun qed jikkompeti fil-kampjonat tad-dinja peress li l-ewwel sitta tal-kampjonat Ewropew jikkalifikaw awtomatikament. Magħhom jingħaqdu

minn Kenneth Vella



Rodney Gatt biż-żiemel Rajah Press, rebbieħ ta' waħda mill-heats fil-korsa ta' Aby fl-Izvezja (Ritratt Malin Albinsson)



Rodney Gatt biż-żiemel Rajah Press wara r-rebħ tat-tiġrija flimkien ma' Tommy Cunningham, segretarju ġenerali tal-Malta Racing Club u ħbieb oħra (Ritratt Malin Albinsson)

r-rebbieħ tal-aħħar edizzjoni li huwa l-Kanadiż James MacDonald, rappreżentant ieħor mill-Kanada, l-Awstralja, l-Istati Uniti, New Zealand u l-Isvezja bħala l-organizzatur tinnomina lil min trid hi speċjalment għax is-sewwieq Svediż ma għaddiex ma' l-ewwel sitta.

Fi stqarrija, l-Malta Racing Club tenna li dan huwa mument storiku u importanti għat-tiġrijiet lokali. Is-sena l-oħra Noel Baldacchino kien spiċċa fis-sitt post tal-Kampjonat Dinji li sar il-Kanada wara li kien ingħata d-dritt li jipparteċipa għax irtira s-sewwieq Ġermaniż. Din id-darba Rodney Gatt kiseb id-dritt li jipparteċipa peress li għall-ewwel darba sewwieq Malti spiċċa ma' l-ewwel sitta fil-klassifika finali tal-Kampjonat Ewropew.

Mistoqsi dwar din il-parteċipazzjoni tiegħu fl-Iskandinavja, Gatt qalli li kienet esperjenza sabiħa u indimentikabbli. "Huwa dejjem ta' pjaċir u ta' unur li ssuq ma' sewwieqa professjonali u magħrufa fix-xena internazzjonali. Sodisfatt ħafna wkoll li rnexxili nikkwalifika għall-kampjonat mondjali tas-sena d-dieħla," ikkummenta Gatt.

Hu żied jgħid ukoll li matul dawn il-jumejn irnexxilu jistabilixxi kuntatti ma' diversi sewwieqa. "Mingħandhom nassigurak li tgħallimt ħafna. Uħud jistaqsuni fuq Malta u fuq it-tiġrijiet hawnhekk. Ngħid ukoll li konna xxurtjati li soqna f'żewġ koros tal-ogħla livell, dawk ta' Bjerke u Aby," żied jgħid Rodney Gatt.

Dwar ir-rebħa li kellu fil-korsa ta' Aby permezz ta' Rajah Press f'waħda mill-heats tal-kampjonat, Rodney Gatt qalli li ż-żiemel li saq kien favorit qabel il-bidu tat-tiġrija. "Rajah Press kien għaddej minn forma tajba ħafna u dan ikkonfermah fil-heat li rbaħt. Bih mort quddiem meta u kif ridt jien," ikkonkluda Gatt.

Il-Kampjonat Ewropew intrebaħ mis-sewwieq Franċiż Frank Nivard, popolari għas-suċċessi bi żwiemel bħal Ready Cash u Bold Eagle, li rnexxielu jirbaħ tliet tiġrijiet. Fit-tieni post spiċċa s-sewwieq Olandiż Rick Ebbinge li pero' rebaħ biss tiġrija waħda. It-tielet post mar għand in-Norveġiż Eirik Hoitomt. Jingħaqdu ma' dawn it-tlieta u Rodney Gatt għall-kampjonat tad-dinja se jkun hemm il-Ġermaniż Michael Nimczyk u l-Finlandiż Mika Forss. ‹‹

# IT-TIM NAZZJONALI

## B'SUĊĊESS STORIKU FIL-KAMPJONAT EWROPEW GĦALL-PAJJIŻI Ż-ŻGĦAR



It-team Malti tal-irġiel jiċċelebra r-rebħ tal-midalja tad-deheb f'San Marino flimkien mal-president tal-MBA Paul Sultana.




Samuel Deguara ppremjat wara l-wirjiet tajbin li kellu fil-kampjonati Ewropej.

» Fil-bidu ta' dan ix-xahar f'San Marino, it-tim nazzjonali Malti tal-Basketball rebaħ il-finali tal-Kampjonat Ewropew tal-FIBA għall-Pajjiżi ż-Żgħar b'rebħa ta' 75-59 kontra n-Norveġja. Għat-tim Malti spikka Samuel Deguara awtur ta' 24 punt u Tevin Falzon li għamel 16 -il punt. F'din il-finali ewlenija, it-team Malti kellu bidu tajjeb, hekk kif rebaħ l-ewwel perjodu 22-8, liema vantaġġ żammewh sal-ħin tal-mistrieħ, b'Malta tidħol 35-21 minn fuq. It-tim ta' Andrea Paccarie għamel kważi ċert mir-rebħa fit-tielet perjodu meta kabbar id-distakk għal 19-il punt biex fl-aħħar għaxar minuti l-plejers Maltin amministraw il-logħba sat-tmiem.

B'hekk it-tim Malti għalaq it-tournament b'erba' rebħiet minn erba' logħbiet wara li għelbu lill-Andorra u l-Irlanda fi Grupp A, lil Ġibiltà fis-semifinali u lin-Norveġja fil-finali. Dwar dan is-suċċess, Sportiv tkellem mal-President tal-Malta Basketball Association, Paul Sultana, fejn ikkummenta magħna li dan kien ċertament riżultat storiku. "Fl-istorja tal-basketball Maltin, din kienet l-ewwel midalja tad-deheb li qatt ġiet mirbuħa f'dan il-livell mit-team tal-irġiel. Dan is-suċċess jikkonferma l-ħidma sfieqa mwettqa fl-aħħar snin mill-assoċjazzjoni Maltija, mhux biss mil-lat amministrattiv iżda anki minn dak tekniku," tenna Sultana.

minn: Kenneth Vella

# MIDALJA TAL-BRONŻ GĦAT-TIM TAN-NISA



Il-players fi ħdan it-team nazzjonali tan-nisa kuntenti bir-rebħ tal-midalja tal-bronż.



Azzjoni waqt waħda mill-partiti tat-team nazzjonali femminili.

Fl-istess jiem fl-Irlanda, it-tim tan-nisa wkoll kellu tmiem feliċi għall-Kampjonat Ewropew tal-FIBA għall-Pajjiżi ż-Żgħar wara li għeleb lin-Norveġja wkoll 67-59. In-nisa Maltin kellhom ftuħ tajjeb tal-logħba u marru 25-9 fil-vantaġġ sal-ewwel għaxar minuti. In-Norveġja rebħet it-tieni perjodu u naqqset id-distakk għal erbatax-il punt. Id-distakk saħansitra niżel għal sitt punti, bit-tim Malti jibqa' 47-41 fil-vantaġġ. Iżda t-tim ta' Enrico Gilardi kkontrolla l-aħħar perjodu u spiċċa biex ħareġ rebbieħ b'distakk ta' tmien punti. Samantha Brincat spiċċat l-aqwa skorer għat-tim Malti b'20 punt.

Dwar dawn iż-żewġ miri milħuqa fl-aħħar ġimgħat, Sultana tenna wkoll li dan kien suċċess li jagħmel unur mhux biss lil min hu involut fl-isport tal-basketball iżda fuq kollox lill-poplu Malti inġenerali. Mistoqsi wkoll x'inhuma l-pjanijiet għall-istaġun il-ġdid fil-qasam tal-basketball lokali, il-president tal-assoċjazzjoni Paul Sultana tenna li hu u sħabu fi ħdan il-kumitat tat-tmexxija qiegħed iħarsu b'ottimiżmu lejn l-inizjattivi li se jittieħdu in vista tal-istaġun il ġdid. "Iva, kull staġun iġib miegħu ċertu sfidi u anki novitajiet. Fl istaġun li ġej se jkollna żewġ sfidi ewlenin, l-introduzzjoni tas-sitt team fil-kampjonat tal-ewwel diviżjoni u anki l-introduzzjoni ta' tliet players barranin fil-kampjonat. Dan għamilnih għax nemmnu li hekk se jkompli jgħola l-livell tal-logħob, tal-kampjonat u anki tal-players Maltin," ikkonkluda Paul Sultana. ((

# MUNXAR FALCONS
## CHAMPIONS TAT-TIENI DIVIŻJONI




»Fl-aħħar partita ta' dan it-58 kampjonat tat-tieni diviżjoni, u quddiem l ikbar folla ikkulurita għal partita tat tieni diviżjoni, Munxar Falcons, immexxiha mill-kowċ Shaun Attard, għamlu għaxar minuti miċidjali fl ewwel taqsima fejn ħasdu lill avversarji ta' Sannat bi tliet gowls u li kienu biżżejjed għalihom biex minkejja r-rimonta li sofrew mill-Lions, huma rnexxielhom jispiċċaw rebbieħa f'partita li draw kien ikun ukoll biżżejjed għalihom biex jispiċċaw champions u promossi lejn l-ogħla diviżjoni. B'hekk huma akkwistaw double mpressjonanti meta iktar qabel kienu anke rebħu bil-penalties il finali tan KO tal Tieni Diviżjoni kontra l istess avversarji Sannatin.

Sportiv ukoll talab il kummenti tal kowċ Shaun Attard dwar dan is-suċċess doppju tagħhom fejn mistoqsi dwar kemm kien kampjonat diffiċli, kif ukoll kemm kien fiduċjuż mis-suċċessi u x'jaħseb li wassal għal dan, huwa qalilna, "kien diffiċli għax meta tilgħab ma' timijiet aħjar minnek fuq il-karta u finanzjarjament

ikunu jifilħu iżjed, dejjem issibha diffiċli biex tiffirma players ta' kwalita' u anke barrani ta' livell aħjar, imma naħseb li l-kumitat dejjem appoġġjani u għamel minn kollox biex nagħmlu tim b'saħħtu li nkunu nistgħu niġġieldu għall-unuri. Meta nibdew il-pre-season u mill-ewwel logħba dejjem nagħmlu objettiv fejn nistgħu naslu bħala tim, u l-għan ta' din is-sena kien li nkunu niġġieldu għal kampjonat, naħseb il-kowċ irid ikun l-ewwel wieħed li jemmen u l-aħħar wieħed li jaqta qalbu biex jasal għal objettiv finali".

Dwar x'ifisser għalih ir-rebħ tad-double u kemm kien kampjonat differenti, Attard weġibna, "ifisser ħafna hux li rbaħt żewġ tazzi, personalment il-massimu li tista tagħmel f'kampjonat tat-tieni diviżjoni, kull kampjonat ikollu storja għalih, dan kien diffiċli għax bqajna sal-aħħar ġurnata imdendlin, ta' qabel kont ġa' irbaħthom u l-aħħar logħba kienet tkun formalita'. Problema li kellna aħna u ħafna klabbs Għawdxin huma il-faċilitajiet fejn nitrenjaw, aħna pitch tal-5 a-side kellna w imbagħad kien ikollna nikru darbtejn f'ġimgħa pitch akbar". Dwar il-livell tal-football Għawdxi, kif ukoll dwar ċertu spejjeż li jonqfu l-klabbs Għawdxin, huwa weġibna, "Trid tgħix fir-realta' u nammettu li aħna qegħdin fi stat ta' amateur football, jien naħseb jintefqu ħafna flus mill-klabbs, imma fuq infrastruttura ftit jintefqu, hemm bżonn anke li klabbs bla clubhouse, il-gvern għandu jagħti biċċa art jew post lil dawn it-timijiet, u anke jgħinu lil min għandu proġetti kbar f'moħħu. It-tajba hi li kull sena, sentejn tinbidel ir-regola tal-barranin, allura din qed titfa lill-klabbs lura. Għalfejn qabel il-livell tal-barranin hu baxx ħafna, għax b'4 barranin klabbs żgħar ma jaffordjawx li dawn ikunu barranin full time żgur."

Dwar x'jaħseb li għandu jinbidel fil-football Għawdxi u dwar li t-timijiet Għawdxin jikkompetu fil-kampjonati Maltin bħal ma attwalment qed jagħmlu fl-FA Trophy tal-MFA, ir-risposta kienet, "Jien naħseb li irid ikun hemm żewġ diviżjonijiet b'7 timijiet, u jaqgħu 2 u jitilgħu 2 direttament, għax din tad-decider, it-tim tat-tieni diviżjoni jkun żvantaġġjat ħafna, hemm bżonn li fit-tieni diviżjoni ikun hemm nofs il-barranin tal-ewwel diviżjoni, jekk tibqa bħal ma hija issa, ikun hemm tnejn biex tgħolli ftit il livell, dejjem xtaqt nara li kull team ikollu 5 players telgħin minn nurseries jilgħabu mal-ewwel ħdax, imma illum il-ġurnata ftit baqa minn dawn. Għandu wkoll isir kampjonat tar-reserves biex iħarju aktar players jibqgħu jilgħabu. Fl-FA Trophy hija ħaġa sabiħa u kieku isir f'forma ta' gruppi tkun aħjar naħseb speċjalment fl-ewwel fażijiet għax flok tagħmel sensiela ta' logħbiet ta' ħbiberija, minn naħa l-oħra li timijiet Għawdxin imorru jikkompetu Malta ma naqbilx għax hekk titlef is-sabiħ tal-football Għawdxi kollu."

Dwar personalment x'jagħtih il-football f'dan ir-rwol ta' kowċ u jekk għall-istaġun li ġej, hux ser jerġa jkun qed imexxi lit-tim Munxari, Shaun Attard irrispondiena, "Jien nara li m'hawnx ħafna rispett lejn players u l-kowċis Għawdxin għadna dik il mentalita' li għax barranin jew Maltin hija xi ħaġa aħjar mill-Għawdxi. Għawdex il-problema li kulħadd jifhem aktar mill-kowċ u ma jħalluhx jaħdem bil-kwiet, jien naħseb il-grawnd jitkellem għal kulħadd u riżultati fil-grawnd trid iġġibhom. Iva fil-pjanijiet tiegħi nixtieq, iżda għadni irid nitkellem mal-kumitat. Finalment ippermettili niddedika dan is-suċċess, l-ewwel nett lill-familja tiegħi, imbagħad lill-kumitat ta' Munxar li tagħni dan iċ-ċans, lill-partitarji għax dejjem kienu bi ħdarhom u warajna u iżda mhux inqas lill-players kollha għax huma kienu strumentali għal dan is-suċċess tagħna" ((

### Kif spiċċaw fit-II Diviżjoni

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Munxar Falcons | 20 | 16 | 2 | 2 | 58 | 27 | 50 |
| Sannat Lions | 20 | 15 | 1 | 4 | 50 | 18 | 46 |
| St Lawrence Spurs | 20 | 9 | 4 | 7 | 48 | 34 | 31 |
| Żebbuġ Rovers | 20 | 7 | 4 | 9 | 38 | 49 | 25 |
| Xagħra United | 20 | 4 | 2 | 14 | 31 | 52 | 14 |
| Qala Saints | 20 | 1 | 3 | 16 | 21 | 66 | 6 |

**Munxar Falcons Champions u promossi**

# "BIL-QARI U L-KITBA NISKORJA"





**Xi kkonkludejtu wara t-tielet ċiklu ta' 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja'?**

Ftit ġimgħat ilu għalaqna t-tielet ċiklu tal-programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja.' Nistgħu ngħidu li għal darba oħra l-programm kien suċċess. Ħaġa pożittiva li rajna kienet il-progress miċ-ċikli preċedenti fir-rigward tal-livelli tal-qari.

Meta qabbilna l-assessjar tal-qari li sar fil-bidu u ma' dak li sar fl aħħar taċ ċiklu, sibna li 91 fil mija tat tfal li pparteċipaw, tejbu l-ħiliet tal-qari tagħhom.

Ir-riżultati tal-assessjar juru li kemm il-bniet kif ukoll is-subien qed jieħdu gost aktar bil-qari tal-poeżiji. Fil-fatt ħareġ li waħda mis-sessjonijiet l-iktar favoriti mat-tfal kienet dik li fiha nqrawlhom il-poeżiji, u dik li fiha ħolqu l-poeżiji tagħhom fi gruppi. Xi ħaġa oħra li laqtitna kienet iż-żieda fl-involviment tal-istudenti bniet. Dan l-aħħar ċiklu wera wkoll li huwa essenzjali li t-tfal ikunu interessati fl-isport tal-football biex jirreġistraw titjib fil-livell tal-qari permezz tal-programm.

**X'fih speċjali dan il-programm?**

It-tfal ikunu ħerqana ħafna għas-sessjonijiet tagħna u dan lilna jagħtina sodisfazzjon kbir. F'dan iċ-ċiklu komplejna nikkonfermaw ukoll kemm il-programm tagħna jrid ikun wieħed ħolistiku. Waħda mill-affarijiet li spikkat kienet li t-tfal riservati permezz tal-għaxar sessjonijiet bdew joħorġu minn qoxorthom u ħassewhom aktar kunfidenti jirrelataw ma' tfal oħra.

Bl-użu tal-Qari Mgħajjat *(Read Aloud)* li jsir f'dawn is-sessjonijiet iddiskutejna suġġetti interessanti bħal: l-għaqda





f'tim, in-nutrizzjoni għall-isportivi u r-regolamenti tal-logħba tal-football, speċjalment l-irwol tat-terna arbitrali, jiġifieri tat-tliet referees. B'hekk poġġejna lill-parteċipanti f'sitwazzjoni fejn jistgħu jifhmu aktar xi jħoss ir-referee u l-assistenti tiegħu waqt logħba.

**X'qegħdin tħejju għaċ-ċiklu li jmiss?**

L-ewwel ħaġa li nagħmlu bħala tim hekk kif nispiċċaw kull ċiklu, huwa li niltaqgħu biex nevalwaw kif morna u x'nixtiequ ntejbu. Dan l-eżerċizzju jgħinna nidentifikaw x'mar tajjeb, u kif nistgħu ntejbu s-servizz tagħna ħalli nsaħħu l-programm għaċ-ċiklu li jmiss.

Issa li din l-evalwazzjoni saret, bdejna naħdmu fuq ir-riżorsi li ser nużaw fiċ-ċiklu li jmiss. Fil-fatt, aħna l-promoturi tal-litteriżmu, flimkien mal-promoturi tal-isports qed naħdmu fuq materjal ġdid relatat mal-football biex nużawh għall-qari mgħajjat, kif ukoll materjal ieħor immirat biex jinqara b'mod indipendenti mit-tfal.

Minħabba li l-programm huwa ppjanat li jikber aktar fir-rabà ċiklu, bħalissa qed inkattru l-librerija u ninvestu f'riżorsi ġodda.

**Kif tkompli l-ħidma tagħkom fix-xhur tas-sajf?**

Apparti l-preparamenti tar-riżorsi għaċ-ċiklu li jmiss, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu stiednet lill-koordinaturi ta' Skola Sajf biex japplikaw għal sessjoni ta' darba tal-programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja.'

F'dawn is-sessjonijiet aħna se nżuru ċentri differenti ta' Skola Sajf f'Malta u f'Għawdex sabiex nagħmlu sessjoni divertenti ta' qari u football filwaqt li nagħtu wkoll togħma lit-tfal tal-programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja' li jsir matul ix-xhur tax-xitwa.




QHC
Q
19 71
Qormi Hockey Club
BAR & GRILL



Manwel Dimech Street, Qormi, Malta • 9944 3012
Find us on: facebook

minn: Kenneth Vella

# ANDREW GRECH IT-TIELET FOST 1500 PARTEĊIPANT



Andrew Grech fl-azzjoni fl-Olanda




Andrew Grech fuq il-podium wara li temm fit-tielet post fl-Olanda

» Il-Ħadd 15 ta' Lulju, l-atleta Malti, Andrew Grech ħa sehem f'maratona nternazzjonali, li saret f'Noordwijk fl-Olanda u li ġiet organizzata mill-ex goalkeeper internazzjonali Olandiż, ta' Ajax, Juventus, Manchester United u Fulham, Edwin Van Der Sar. Grech ħa sehem fiha wara li reġa ġie mistieden mill-istess organizzaturi. Dan wara li s-sena l-oħra kien daħal fl-ewwel pożizzjoni f'ħin ta' 32.26". Din is-sena, Andrew Grech temm fit-tielet pożizzjoni, tellieqa li spiċċawha 1215 mill-1500 parteċipant u li reġa saret fuq għaxar kilometri. Il-qliegħ minn din il-maratona mar kollu għall-karita'.

Dwar it-tellieqa ta' din is-sena u li fiha temm fit-tielet pożizzjoni, Grech ikkummenta li din is-sena l-kompetizzjoni ma kenitx faċli, speċjalment għax saret f'temperatura sħuna ħafna ta' 31 grad celcius u aktar, u bħala rotta nkludiet anki partijiet li saru viċin il-bajja tal-belt fuq art kemmxejn iebsa. "Il-coach tiegħi Ħas Kesra huwa Olandiż u din kienet il-ħames parteċipazzjoni tiegħi fl-Olanda. Fl-2014 kont irbaħt tiġrija fuq ħames kilometri, fl-2015 spiċċajt fil-ħames post fin-nofs maratona ta' Amsterdam minn 19000 atleta u fl-2016 dħalt fid-69 post fil-maratona ta' Rotterdam minn 15000 atleta. Is-sena li għaddiet kont irbaħt maratona oħra li saret f'Noordwijk ukoll fuq għaxar kilometri," ikkummenta Grech.

Ma naqasx ukoll li Grech jiltaqa mal-organizzatur ewlieni Van Der Sar li miegħu qasam l-esperjenzi tiegħu kemm dwar il-maratona u anki dwar il-karriera ta' Van Der Sar fil-football. L-eks goalkeeper internazzjonali rringrazzja lill-atleti kollha tal-parteċipazzjoni tagħhom. Dwar l-istaġun li kellu din is-sena f'pajjiżna, Andrew Grech ikkummenta miegħi li l-istaġun lokali spiċċa x-xahar li għadda fejn fil-kampjonat nazzjonali kklassifika fit-tieni post, kemm fil-kompetizzjoni tat-track fil-5,000 metru kif ukoll fl-10,000 metru.

"Għalhekk kuntent ħafna bil-ħin li għamilt f'din it-tellieqa fl-Olanda meta tikkunsidra li fl-aħħar xahar naqqast s-sessjonijiet tiegħi f'termini ta' kilometri bi 30-40%. Nista ngħid li bħala staġun kien wieħed pożittiv ħafna, bl-aqwa riżultat ikun meta spiċċajt l-ewwel Malti fil-maratona ta' Malta. Fil-futur qarib għandi nieħu sehem ukoll f'żewġ nofs maratoni wkoll, waħda li se ssir ġewwa l-Polonja u l-oħra ġewwa Spanja fejn jien fiduċjuż li nista ntejjeb il-ħinijiet personali tiegħi," ikkonkluda Andrew Grech. «

## Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu

# MALTA MA' VALERIO AGNOLI, PROĠETT ĠDID GĦAL FUTUR TAĊ-ĊIKLIŻMU MALTI








» Dan l-aħħar il-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu ħabbret il-proġett il-ġdid tagħha bejn l-istess Federazzjoni u Valerio Agnoli, ċiklista professjonali Taljan tal-ProTeam Bahrain-Merida. Dan ser ikun skambju ta' esperjenzi u kollaborazzjoni importanti bejn l-Italja u Malta biex itejjeb il-livell taċ-ċiklisti żgħar u promettenti lokali.

Fost iċ-ċiklisti huwa faċli biex tifhimha, daqqa t'għajn biex wieħed jifhem lil xulxin, bħal dak il-mument meta tagħżel li tmur biex taħrab waqt tiġrija. Valerio Agnoli u Pierluigi Terrinoni huma l-moħħ ta' dan il-ftehim mill-isbaħ bejn l-iskola taċ-ċikliżmu tagħhom u Malta fil-formazzjoni futura tat-tim taż-żgħażagħ Maltin.

Valerio rabat l-isem tiegħu mal-formazzjoni taċ-ċikliżmu taż-żgħażagħ Maltin. Fil-fatt, dan l-aħħar huwa kien hawn f'Malta u flimkien mal-uffiċjali ewlenin tal-Federazzjoni Maltija, il-President John Zammit u s-Segretarju Ġenerali Joe Bajada, kienu preżenti għal sessjoni twila mmexxija mill-kowċ professjonali taċ-ċiklizmu Taljan Pierluigi Terrinoni li kien assistit mid-direttur tekniku tal-Federazzjoni Maltija Etienne Bonello, fejn għamlu testijiet bijomekkaniċi kif ukoll dwar in-nutrizzjoni lil madwar għoxrin żgħażugħ u żgħażugħa Maltin u Għawdxin.

L-akkademja ta' Malta-Agnoli se tippermetti li l-Juniors Żgħażagħ Taljani u Maltin li jtellqu flimkien fl-Italja. It-Tim Malti, ser ikun taħt it-tmexxija ta' Valerio Agnoli u Pierluigi Terrinoni. Dan mhux kollox għax matul ix-xahar ta' Lulju, xi subien Maltin ser imorru għal kamp ta' taħriġ fi Fiuggi, belt fil-provinċja ta' Frosinone fir-reġjun ta' Lazio, fl-Italja ċentrali.

Dan huwa biss il-bidu ta' avventura ġdida li tgħaqqad l-isport u l-edukazzjoni, il-valuri u s-soċjetà, iżda fuq kollox kif iċ-ċiklisti Maltin jitgħallmu jdawwru l-pedala b'mod professjonali. «

# IL-MIDJA U D-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI FL-ISPORT



» It-Tazza tad-Dinja ġiet u marret, u miljuni ta' nies segwew l-andament ta' dan l-avveniment b'diversi modi, fosthom bit-televiżjoni u anki bl-internet. L-użu u l-effetti tal-midja f'avvenimenti sportivi ma jista' qatt ikun sottovalutat, hekk kif f'dawn l-aħħar snin, l-użu tagħha, speċjalment dak soċjali, saret parti kbira minn kif wieħed jesperjenza l-isport.

Fil-fatt, wieħed jista' jgħid li l-isport u, b'mod partikolari, il-mod kif huwa rrappreżentat permezz tal-midja huwa ta' importanza soċjali u ekonomika kbira. Il-bejgħ tad-drittijiet tal-midja huwa s-sors ewlieni tad-dħul għall-isport professjonali (speċjalment il-futbol) fl-Ewropa, filwaqt li r-reklamar u l-merchandising jiġġenera ammonti kbar ta' flus.

Għaldaqstant, hu ferm importanti li dawn l-aspetti jkunu regolarizzati sabiex l-isport jitgawda permezz tal-midja b'mod ġust u konformi mal-liġijiet.

Il-frażi 'proprjetà intellettwali' ġeneralment tirreferi għal kreazzjonijiet intanġibbli jew invenzjonijiet, bħal xogħlijiet letterarji u artistiċi, u simboli, ismijiet u stampi użati fil-kummerċ. Kreazzjonijiet li jitqiesu bħala proprjetà intellettwali huma protetti bil-liġi minn, per eżempju privattivi, drittijiet tal-awtur u trademarks, li jippermettu lin-nies jiksbu rikonoxximent jew benefiċċju finanzjarju minn dak li huma jivvintaw jew joħolqu.

L-involviment tal-Unjoni Ewropea (UE) f'midja relatati mal-

minn James Azzopardi



isport u l-proprjetà intellettwali għandu implikazzjonijiet mifruxa, hekk kif dan is-settur jinkorpora wkoll l-ekonomija u l-organizzazzjoni tal-isport innifsu. Dan il-fall hu rifless f'sezzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (notevolment skont l-Artikolu 165) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Fil-fatt, minkejja li r-regoli tal-kompetizzjoni u tas-suq intern fi ħdan l-UE ma jindirizzawx speċifikament l-isport, dawn jista' jkollhom impatt importanti fuq l-avvenimenti sportivi u kif jixxandru.

Bħalma jseħħ f'kull settur ieħor, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE tagħti l-ġudizzju tagħha speċjalment f'każijiet determinanti għas-settur, l-istess ġara fejn tidħol il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, id-definizzjoni tagħha u għal liema kreazzjonijiet tapplika. F'Ottubru tal-2011, wara każ interessanti (FA Premier League v QC Leisure) li kien jittratta l-użu ta' foreign decoding devices f'barijiet u ristoranti fir-Renju Unit, il-Qorti esprimiet numru ta' konsiderazzjonijiet dwar in-natura ta' avvenimenti sportivi. Il-Qorti stqarret li avvenimenti sportivi bħal logħbiet tal-futbol ma jistgħux jitqiesu bħala kreazzjonijiet jew xogħlijiet intellettwali (bil-kuntrarju għall-armi u l-innu tal-Premier League), u għalhekk ma jistgħux ikunu protetti mid-drittijiet tal-awtur.

Madankollu, il-Qorti rrimarkat ukoll li l-avvenimenti sportivi għandhom karatteristiċi uniċi u oriġinali li jistgħu jkunu soġġetti għall-protezzjoni. Huwa għalhekk f'idejn l-Istati Membri li jikkunsidraw jekk jagħtux din il-protezzjoni fil-qafas legali domestiku tagħhom. Fl-2014, il-Kummissjoni kkummissjonat studju dwar id-drittijiet tal-organizzaturi sportivi fl-UE. Dan l-istudju dettalja jidħol saħansitra fi kwistjonijiet legali relatati ma' diversi setturi, fosthom dak tal-midja wkoll. L-istudju jġib eżempju b'varjetà ta' sport, u juża ħafna każijiet biex jagħti stampa ċara tad-drittijiet, obbligi u limitazzjonijiet ma' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-midja u l-isport.

Fl-iskop iktar mifrux tas-settur tal-midja u d-dritt ta' proprjetà intellettwali, fl-2011 il-Kummissjoni Ewropea adottat strateġija wiesgħa dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali biex tapplika l-azzjonijiet proposti fl-Aġenda Diġitali.

Qarrejja li jixtiequ jaċċessaw il-każijiet jew l-istudji msemmijin f'dan l-artiklu jistgħu jikkuntattjaw lill-MEUSAC fuq info.meusac@gov.mt jew 2200 3300. Inħeġġukom ukoll iżżuru s-sit elettroniku meusac.gov.mt u tirreġistraw permezz ta' formola onlajn biex tirċievu aġġornamenti regolari dwar opportunitajiet ta' fondi Ewropej u aħbarijiet oħrajn mill-UE.

meusac

Connecting citizens to the EU



# STAĠUN SUĊĊESS GĦALL-ASMK


Tiġrija Autocross Standard

» L-Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi għalqet il-Kampjonati Nazzjonali 2017/2018 fid-diversi dixxiplini tagħha . Matul dan l-istaġun ġew organizzati ħames Kampjonati Nazzjonali tnejn bil-Karozzi u tlieta bil-Muturi. Minn ftit iktar min elf membru li għandha l-Assoċjazzjoni hemm 110 kompetituri li jieħdu sehem regolari maqsuma f'erba' sezzjonijiet li huma l-autocross għall-karozzi filwaqt li l-motocross, it-trials u l-enduro huma għall-muturi. L-Assoċjazzjoni torganizza wkoll attivitajiet oħra barra l-kampjonati fejn mis-sezzjoni demolition matul dan l-istaġun ġew organizzati tliet demolition derbies waħda tal-karozzi kbar, oħra bil-karozzi żgħar u l-aħħar waħda li għalqet l-istaġun kienet dik tal-vannijiet li kienet ilha ma ssir ħmistax -il sena.

Ma' dawn ġiet organizzata attivita' f'Għawdex bil-karozzi autocross fejn f'dawn l-aħħar tliet snin din l-attivita' dejjem fetħet l-istaġun, imma sfortunatament l-istaġun li ġej ser ikollu jibda minn Malta minħabba nuqqas ta' permessi neċessarji minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Din l-attivita' dejjem saret b'risq Dar Arka f'Għawdex. Iktar kmieni dan ix-xahar rajna l-istaġun tal-Karozzi autocross jintemm b'suċċess. Il-kampjonat nazzjonali ASMK Pasta Poiatti 2017/2018, kien maqsum f'żewġ klassijiet, dik modified u dik standard, waqt li ż-żewġ klassijiet jiġu organizzati fuq kampjonati Nazzjonali separati min xulxin. F'din il-Klassi jiġu organizzati tnax -il kompetizzjoni. Minkejja li f'dan l-istaġun rajna nuqqas ta' karozzi xorta waħda rajna spettaklu ta' tiġrijiet fejn iż-żewġ kampjonati f'din il-klassi kienu miġġielda sa l-aħħar attivita'. Fil-klassi autocross modified rajna lil Vince Farruġia fuq Volkswagen Polo jgħolli t-tazza wara taqtiegħa sa l-aħħar ma' Karl Micallef fuq Ford Fiesta, Jean Paul Grech fuq Peugeot 106 u Noel Zammit fuq Fiat Punto.

Farruġia rnexxielu jirbaħ tliet attivitajiet minn tnax, fi tnejn oħra daħal it-tieni biex b'kollox tul l-istaġun rebaħ 235 punt u rnexxielu jniżżel ismu bħala champion fid-29 Kampjonat Nazzjonali autocross modified. Farruġia kien segwit mic champion preċedenti Karl Micallef li matul dan l-istaġun irnexxielu jirbaħ żewġ tiġrijiet, rebaħ it-tieni post erba' darbiet biex rebaħ it-tieni post fil-kampjonat b'230 punt.

Fil klassi Autocross Standard, li huwa ir raba' kampjonat għal din il-klassi, fejn l-aħħar ta' dan l-istaġun rajna lill-leader Deane Farruġia fuq Citroen AX jiġi sospiż minn kull attivita' sakemm joħroġ avviż ieħor. Dan minħabba azzjonijiet anti-sportivi minnu waqt l-għaxar attivita'. Farruġia matul dan l-istaġun mar tant tajjeb tant li rnexxilu jirbaħ sitt attivitajiet minn tnax u fetaħ vantaġġ sostanzjonali f'dan il-

minn Johann Pace


James Zahra fuq Sherco


Damon Bonello fuq Gas Gas


Kyle Camilleri fuq KTM

ritratti Mario Micallef

kampjonat li minkejja is-sospenzjoni dan baqa' sa l-aħħar jillidja din il-klassi. Minħabba l-każ, Farruġia kellu jistenna x'kien se jisvolġi fl-aħħar żewġ tiġrijiet. Is-segwaċi tiegħu Nicovich Chircop fuq Peugeot 106 kellu ċans kbir li jgħolli it-tazza, iżda fil-ħdax -il attivita' spiċċa jinqaleb waħdu bil-karozza u konsegwenza ta' dan l-inċident Chircop spiċċa mingħajr punti blex spiċċa li jekk ma jirbaħx l-aħħar attivita' kien ikun Farrugia li jgħolli it-tazza għar-raba' darba kif fil-fatt ġara.

Klassijiet oħra li ġew onorati minn din is-sezzjoni huma Autocross klassi A u klassi B fejn fi Klassi A rajna lil Jean Paul Grech fuq Peugeot 106 jirbaħ il-klassi segwit min Karl Micallef fuq Ford Fiesta. Fl-autocross Klassi B rajna lil Ryan Scicluna fuq Ford Fiesta jirbaħ din il-klassi segwit min Keith Borg fuq Vauxhall Nova.

Il-Kampjonat Nazzjonali Honda Motocross kien organizzat fuq tmien tiġrijiet. Għall-ewwel darba Kyle Camilleri fuq mutur KTM ikkompeta f'seba' attivitajiet minn tmienja u rnexxilu jirbaħ sitta minnhom u fis-seba' waħda spiċċa r-raba'. B'dan kollu Camilleri spiċċa dan l-istaġun b'368 punt fejn niżżel ismu għall-ewwel darba bħala champion. Camilleri spiċċa segwit min huh Clayton Camilleri fuq mutur KTM b'total ta' 272 punt. Fil-motocross klassi B u l-klassi veterani. Fil-motocross klassi B, Bernard Sammut fuq mutur Beta rebaħ din il-klassi b'327 punt segwit min Michael Sant fuq mutur Husqvarna b'265 punt. Fil-Klassi tal-veterani li jaqgħu fija Riders minn 40 sena l-fuq, Paul Deguara fuq mutur KTM rebaħ din il-klassi b'378 punt segwit min Jethro Sant fuq Yamaha b'341 punt.

Fis-Sezzjoni Wotomoto Enduro 2017/2018, il-kampjonat baqa' missielet sal-aħħar mhux biss bil-punti li kull rider jakkwista imma għall-ewwel darba kellu jkun l-arloġġ li ddeċieda min ser ikun qed jiġi inkurunat rebbieħ. It-taqtiegħa kienet bejn James Żahra fuq mutur Yamaha u Bernard Sammut fuq mutur Beta. Żahra u Sammut spiċċaw b'107 punti kull wieħed iżda skont ir-regoli, ir-rebbieħ jiġi deċiż skont min għandu l-aħjar riżultati matul l-istaġun kollu. Hawn ukoll kellna parità għalfatt li dawn iż-żewġ kompetituri rebħu tliet tiġrijiet, ġew darbtejn fit-tieni post u darba fir-raba' post kull wieħed. Grazzi għas-sistema tal-ħin 'MYLAPS' li l-Assoċjazzjoni ġabet fil-bidu ta' dan l-istaġun l-ASMK kella tmur għad-deċiżjoni tal-aħjar ħin overall għall-fatt li t-tiġrija dejjem issir kontra l-arloġġ. B'hekk ġie deċiż li r-rebbieħ ikun dak li jkun ġab l-aħjar ħin matul is-sitt attivitajiet. Hawn James Zahra ġie ddikjarat rebbieħ segwit minn Sammut.

Fis-sezzjoni trials, Damon Bonello fuq mutur Gas Gas reġa sar champion f'dan il-kampjonat. Għal darb'oħra Damon kien segwit min kuġinuh Rowen Bonello fuq mutur Gas Gas ukoll. Il-Klassi B kienet mirbuħa min Dion Micallef fuq mutur Beta segwit min Karl Bartolo li wkoll ikkompeta fuq mutur Beta. Fil-Klassi Junior li ssir għal tfal minn tmien snin il-fuq rajna lil Julian Scicluna fuq mutur Beta jirbaħ din il-klassi segwit min Jayden Abela fuq mutur Beta. Il-muturi li jużaw f'din il-klassi Juniors huma kollha jaħdmu bil-batterija. «

# HIBERNIANS JUMILJAW LIL FLORIANA

**IT TIENI ĠURNATA**

**01-11-1964:**
**Ħamrun Sp. FC – Floriana FC 3-2**
**H.T 1-0 Ref: Edwin Borg.**
**Skurjaw: J. Mizzi (Ħ) pen. 10', E. Spiteri (Ħ) 48', J. Mizzi (Ħ) 56', T. Cauchi (F) 65' u Ż. Alamango (F) pen. 66'.**

**Ħamrun Sp. FC:** Charles Buttigieg, Lolly Muscat, Patistu Attard, Albert Calleja, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Jimmy Mizzi, Edward Spiteri, Charles 'It-Topsy' Aquilina.

**Floriana FC:** Norman Vella, Joe Grima, Tony Sammut, Żarenu Alamango, Edward Azzopardi, Hugh Caruana, Joe Fava, Lolly Borg, Edmond Farrugia, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Leslie Agius (Tony Tabone 46').

1. Wara t-telfa ta' 6-0 kontra Hibernians fl-ewwel ħarġa, Floriana dehru resqin lejn telfa oħra kbira meta kmieni wara l-mistrieħ kienu 3-0 minn taħt, iżda żewġ goals f'minuta dawwru l-andament tal-logħba fejn sat-tmiem kienu sfortunati li ma ġabux l-iskor indaqs.

2. F'din it-tieni logħba Floriana FC għamlu użu mir-raba' goalkeeper differenti Norman Vella minħabba li Charlie Vella, minkejja li kien ħareġ mill-isptar, kien għadu mhux f'kundizzjoni li jilgħab. Fl-ewwel partita George Borg, Charles Vella u l-player Tony Cauchi fl-aħħar minuti kienu l-goalkeepers ta' Floriana.

3. Players oħra nieqsa għal Floriana kienu Derek Iles u Lolly Aquilina.

4. Il-penalty favur l-Ispartans ingħata għal handsball ta' Hugh Caruana filwaqt li l-penalty favur Floriana ingħata għal hansball ta' Martin Attard bi protesti ħorox tal-players Ħamruniżi li sostnew li l-ballun ħabat ma' koxxtu.

5. Jumejn qabel din il-partita l-Ispartans kellhom Laqgħa Ġenerali Straordinarja għall-membri tal-club fejn magħhom iddiskutew il-futur ta' xi players tal-Ispartans li ma bdewx jikkoperaw mall-club. Dan wara t-telfa ta' 4-0 kontra Valletta fl ewwel ħarġa. Fil-fatt parti mill-problema tal-professionals ġiet solvuta meta Jimmy Mizzi u Martin Attard irritornaw fit-team tal-Ispartans.

6. Ma' Floriana ddebutta Edmond Farrugia li kellu ħuh it-tewmi li wkoll kien reġistrat mall-club Furjaniż. Iz-zijiet ta' Farrugia huma l-famużi Robbie u Dr. Maurice Decesare li fil-passat lagħbu ma' Sliema Wanderers.

7. Lolly Muscat ta' Ħamrun Spartans huwa n-neputi tas-centre half Ġużi Zammit li kien rebaħ il-kampjonat 1946-47 ma' Ħamrun Liberty u li kien ġie magħzul mas-selezzjoni tal-MFA biex tilgħab kontra S.K. Austria f'Jannar 1948.

8. Joe Grima u Żarenu Alamango rritornaw fit-team Furjaniż. Alamango ġie lura minn Tripli fejn kien stazzjonat mar-Royal Malta Artillery (R.M.A).

9. Għal Tony Sammut din kienet l-aħħar partita tiegħu ma' Floriana minħabba li daħal fil-Korp tal-Pulizija.

**07-11-1964:**
**Hibernians FC – Gżira Utd. FC 1-0**
**H.T 0-0 Ref: Joseph A. Agius.**
**Skorja: T. Griffiths (H) pen. 89' 30 sekonda.**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Michael Zammit, Victor Grima, Louis Theobald (Sunny Anastasi 35'), Salvu 'Tal-Karettuni' Gatt, Tony Griffiths, Freddie Delia, Victor 'Il-Palun' Cassar, Eddie 'L-Ghasfur' Theobald, Norman Buckle (Edward Darmanin 57').

**Gżira Utd. FC:** George Sciberras, Robbie Caruana, Vince Relton, George Faure', Charles Parnis, Nenu Chetcuti, Sunny Attard, Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras, Toninu Camilleri, Joe Galea, Tony Chappelle (G. Portelli 70').

1. Kien hemm protesti ħorox mill-players ta' Gżira meta ngħata penalty fl-aħħar minuta favur Hibernians wara li l-linesman John F. Galea ma xejjirx għal offside ta' Eddie Theobald bil-logħob ikompli sejjer fejn mill-istess azzjoni wasal il-penalty. Anke fl-azzjoni nnifisha tal-penalty kien Theobald li l-ewwel deher iżomm lil Galea qabel dan tal-aħħar imbotta lil Theobald. Hekk kif Tony Griffiths skorja mill-ħdax-il metru nqala' pandemonju sħiħ. Il-player ta' Gżira Charles Parnis ġera' jen ir-referee u deher jiġi miżmum minn sħabu. Sadanittant kien hemm tfiegħ ta' ġebel fil-ground mill-partitarji Gżirjani u ġlied bejn il-players tant li kellha tidħol il-Pulizija biex iġġib l-ordni. B'sorpriża ta' ħafna l-ebda player ma ġie sospiż minħabba li r-rapport tar-referee ftit għamel riferenza għal dan l-inkwiet li qam. Fil-fatt ir-referee Agius kien imsejjaħ quddiem ir-Referees Board sabiex jispjega aktar fid-dettall ir-rapport li għamel fuq il-partita.

2. Ħamest ijiem wara, fit-12 ta' Novembru, tmien players ta' Gżira United – Sunny Attard, Nenu Chetcuti, Charles Parnis, Vince Relton, Twanny Sciberras, Toninu Camilleri, G. Portelli u Victor Borg u ż-żewġ players ta' Hibernians – Salvu Gatt u Tony Griffiths, tressqu quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA. Salvu Gatt kien tressaq quddiem l-MFA minħabba li ftit qabel il-penalty huwa kien ta daqqa b'moħħu f'wiċċ is-sostitut Portelli bir-referee Agius jammonixxi liż-żewġ players. Il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA kien immulta lil Salvu Gatt £1. Players oħra li ġew immultati mill-istess Bord kienu Tony Griffiths ta' Hibernians u G. Portelli ta' Gżira li weħlu £1 kull wieħed filwaqt li l-players ta' Gżira Vince Relton, Charles Parnis, Nenu Chetcuti, Sunny Attard, Twanny Sciberras u Toninu Camilleri weħlu nofs lira kull wieħed. Parnis kien imneħħi minn captain tal-Maroons għall-kumplament tal-istaġun.

3. Wara l-partita kien hemm ġlied bejn il-partitarji fit-toroq ta' madwar l-Istadium.

4. Hekk kif kien ser jingħata l-penalty ir-referee reġa waqqaf il-logħob fuq senjalazzjoni tal-linesman John Galea minħabba li kien għad hemm pulizija fil-pitch.

5. Fis-27 minuta Louis Theobald weġġa' f'ħabta mall-goalkeeper sieħbu Freddie Mizzi. Hu ħareġ jiddewwa għal xi minuti, reġa daħal biex ikompli jilgħab iżda kellu joħroġ ftit wara fejn ittieħed l-isptar b'concussion. Huwa

kien ħareġ mill-isptar ġurnata wara.

6. Hibernians kellhom lura fit-team lil Sunny Anastasi li kien irritorna mil-Libja fejn kien mal-Armata u lil Victor Grima li rkupra mill-uġiegħ.

7. Is-sostitut ta' Hibernians Edward Darmanin kien ġie akkwistat mingħand St. George's fit-trasferimenti tas-sajf.

8. Ir-referee Joe Agius u l-linesman John F. Galea kienu għadhom kemm ġew magħżula biex jakkumpanjaw lir-referee Pawlu Bonett għal-logħba tat-Tazza tat-Tazzi bejn Slavia Sofia u Lausanne (1-0) tat-18 ta' Novembru 1964.

**Sliema Wdrs u Rabat FC lagħbu partita inqas**

**Klassifika:** Hibernians FC 4 pti.; Valletta FC, Sliema Wdrs. FC, Ħamrun Sp. FC u Gżira Utd. FC 2 pti.; Floriana FC u Rabat FC 0 pti.

**L-Aqwa Skorers:** V. Cassar (Hibernians FC) 3 goals; F. Delia (Hibernians FC); J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC) u F. Zammit (Valletta FC) 2 goals.

## IT-TIELET ĠURNATA
## GŻIRA UTD. FC BYE

**8-11-1964:**
**Sliema Wdrs. FC – Rabat FC 4-0 H.T 1-0**
**Ref: George Busuttil**
**Skurjaw: L. Micallef (S) 2', R. Buttigieg (S) 67', J. Aquilina (S) 72' u R. Buttigieg 86'.**

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Peter Fitzgerald (George Cuschieri 46'), Salvu Bonnici, Alfred 'Il-Paper' Debono, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Robbie Buttigieg, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Norman Scott, Joe Micallef, Frans Peplow, Nicholas Muscat, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Freddie Wilson, Frans Micallef, Nenu Chircop, Victor Azzopardi, Ġanni Saliba (Joe Cassar 18').

1. Id-debuttant Frans Micallef sieħeb lil Rabat FC fil-ġranet tas-sajf mingħand St. John FC. Fis-snin tmenin Micallef kien referee tal-Premier Division. Huwa jiġi wkoll missier il-goalkeeper Sandro Micallef li lagħab xi partiti fil Premier Division ma' Marsaxlokk FC u Birkirkara FC matul l-istaġun 2002-2003.

2. Is-sostitut ta' Rabat Joe Cassar kien ġie akkwistat fis-sajf mingħand Mqabba Hajduks tat-Tielet Diviżjoni.

3. Rabat kellhom nieqes lill-attakkant Charlie Zammit meta din kienet mistennija li tkun l-aħħar partita tiegħu f'Malta wara li fid-19 ta' Novembru 1964 emigra lejn l-Awstralja.

4. Kompliet in-nixfa ta' goals ta' Joe Cini meta f'din il-partita reġa naqas li jniżżel ismu fost l-iskorers u falla anke tliet okkażjonijiet ta' skor meta ġie wiċċ imb' wiċċ ma' Zerafa. Din in-nixfa ta' goals pero' jidher li kienet fil-kampjonat biss meta sitt ijiem qabel skorja erba' goals għal Sliema Wanderers f'Charity Match kontra l-Combined Services (8-0)

5. L-ewwel goal tal-Wanderers wasal minn żball tal-goalkeeper Zerafa li deher li salva x-xutt a' Leli Micallef iżda l-ballun ħarablu minn idu u spiċċa fix-xibka. Zerafa patta ta' dan l-iżball għax matul il-partita wettaq diversi saves diffiċli.

6. Skond il-gażżetti Times of Malta u Berqa ż-żewġ goals ta' Buttigieg kienu l-aħħar tnejn tal-partita. Il-gażżetti l-oħħra kollha rrapurtaw il-goals kif imsemmijin hawnhekk.

**14-11-1964:**
**Valletta FC – Floriana FC 1-1**
**H.T 1-0 Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: V. Gauci (V) 8' u F. Vella James (F) 71'.**

**Valletta FC:** Freddie Stivala, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Leonard Mizzi, Eddie 'Tat-Totty' Vella, George Micallef, Josie Urpani, Tony Connor, Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Lolly Debattista, Pullu Bartolo, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Joe Fava, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Edmond Farrugia (Hugh Caruana 46').

1. Floriana kisbu l-ewwel punt tal-kampjonat wara żewġ telfiet fl-ewwel żewġ ħarġiet. Huma kellhom fit-team għall-ewwel darba dan l-istaġun lill-goalkeeper Nenu Fabri u lil Freddie Vella James.

2. Żarenu Alamango ta' Floriana matul il-partita laqat darbtejn il-mimduda b'xuttijiet dirett minn corner.

3. Charlie Williams irritorna fil-team Belti wara li ma lagħbx kontra Sliema Wanderers għax kien imweġġa'.

4. Nenu Fabri kien il-ħames goalkeeper li għamlu użu minnu Floriana fl-ewwel tliet logħbiet tal-kampjonat. George Borg, Charles Vella u l-attakkant Tony Cauchi daħlu bejn il-lasti fl-ewwel logħba kontra Hibernians filwaqt li Norman Vella lagħab bħala goalkeeper fit-tieni partita.

**15-11-1964:**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 3-0**
**H.T 1-0 Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skorja: F. Darmanin (Hibs) 19', F. Theobald (Hibs) 64' u o.g J. Zarb (Hibs) 79'.**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Tal-Karettuni' Gatt, Michael Zammit, Victor Grima, Sunny Anastasi, Tony Griffiths, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Freddie Delia, Edward Darmanin.

**Ħamrun Sp. FC:** Donald Hawkins (Charles Buttigieg 20'), Patistu Attard, Joe Stanmore, Carmelo Galea, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Jimmy Mizzi (Albert Calleja 59'), Edward Spiteri, Charles 'It-Topsy' Aquilina.

1. Din kienet l-aħħar partita ta' Ġużi Dimech 'Ir-Rumba' li emigra lejn l-Awstralja erbat ijiem wara, fid-19 ta' Novembru.

2. Hibernians kellhom nieqes lil Louis Theobald li fl-aħħar ħarġa kien ittieħed l-isptar wara li ħabat mall-goalkeeper sieħbu Freddie Mizzi u liż-żagħżagħ Norman Buckle u Lorry Young li ma niżlux għat-training matul il-ġimgħa.

3. Il-goalkeeper tal-Ispartans Donald Hawkins ġie mibdul kmieni fil-partita wara li minuta qabel kien naqas li jżomm xutt li deher faċli ta' Freddie Delia biex mir-rebound Edward Darmanin kien fetaħ l-iskor għall-Pawlisti.

4. L-autogoal ta' Johnnie Zarb wasal minn devjazzoni fuq xutt qawwi ta' Freddie Delia.

5. Il-partita bdiet għaxar minuti tard – nuqqas li qed isir ir-regola skond il-Malta News.

**Sliema Wdrs, Rabat FC u Gżira United lagħbu partita inqas**

**Klassifika:** Hibernians FC 6 pti.; Sliema Wdrs. FC 4 pti.; Valletta FC 3 pti.; Ħamrun Sp. FC u Gżira Utd. FC 2 pti.; Floriana FC 1 pt.; Rabat FC 0 pti.

**L-Aqwa Skorers:** V. Cassar (Hibernians FC) 3 goals; F. Delia (Hibernians FC); J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC); R. Buttigieg (Sliema Wdrs. FC) u F. Zammit (Valletta FC) 2 goals.

Kompetizzjoni

# SPOT THE BALL u irbaħ Flokk ta' Manchester United




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 t' Awwissu, 2018

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 135



Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 135 huwa:
**Philip Azzopardi - Attard**

# TISLIBA TAZZA TAD-DINJA



Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Lulju 2018:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**MIMDUDIN**

1) L-ewwel player li lagħab ħames World Cups fli storja (6,8)
8) Bozhidar, centre-back attwali tal-Bulgarija (14)
11) Daisuke, midfielder Ġappuniż 1999-2004 (3)
12) Cenk, attakkant attwali tat-Turkija (5)
13) Danny Mc....., partita waħda għal li Skozja 1930/31 (5)
16) Dublin, attakkant tal-Ingilterra b'4 partiti fl-1998 (4)
18) Camilleri, difensur ċentrali Malti bi 17 il-partita 1970-77 (5)
21) Rajko, midfielder tas-Slovenja fil-Fifa WC 2002 (6)
23) Adolphe, goalkeeper Żvizzeru fil-Fifa WC 1950 (3)
24) Dunai, midfielder tal-Ungerija 1969-1975 (3)
25) Yuto, 109 partiti u 3 goals Ġappun (8)
27) Adrián, difensur attwali ta' Cuba (3)
28) Lila, midfielder attwali tal-Albanija (4)
30) "Goal! The ball is in the ..." (3)
32) Bodo, 54 parita jgħasses il-lasti tal-Ġermanja tal-Punent (7)
35) Edgar, difensur promettenti attwali tal-Portugal (2)
36) Extra Time (1,1)
37) Il-laqam ta' Edson Arantes do Nascimento Pelé - "O ..." (3)
38) Sebastian, midfielder offensiv attwali tal-Polonja (4)
40) Johnny, winger Olandiż bi 42 partita u 12 il-goal (3)
41) Han Chae-..., midfielder attwali tal-Korea t'Isfel (3)
43) Hareide, coach attwali tad-Danimarka (3)
44) Fabio, ex midfielder Taljan bi 3 partiti (8)
46) Sergio, midfielder attwali tal-Peru (4)
47) Shinji, ex midfielder tal-Ġappun (3)
48) Yashin, iddefenda l-lasti tar-Russja f'4 World Cups (3)

**WEQFIN**

1) Stephan, wing-back attwali ta' li Żvizzera (12)
2) Erik, 97 partita jgħasses il-lasti Norveġiżi (10)
3) Roberto, goalkeper tal-Arġentina fil-Fifa WC 2006 (13)
4) Hedwiges, midfielder difensiv tal-Olanda 2005-2011 (6)
5) Kanischka, midfielder attwali tal-Afghanistan (5)
6) Isaac, midfielder promettenti tal-Ingilterra (6)
7) u 45) Debarski, attakkant tal-Bulgarija 1957-1965 (5)
9) u 17) Nishino, coach tal-Ġappun fir-Russja 2018 (5)
10) Solomon, 97 partita u 28 goal għall-Ivory Coast (5)
14) Denis, goalkeeper tal-Uganda bi 63 partita (7)
15) Falque, partita internazzjonali waħda ma' Galicia (4)
17) Ara 9 Weqfin
19) Olaf, midfielder Ġermaniż rebbieħ fl-1990 (4)
20) Kafula, midfielder ta' Zaire fil-Fifa WC 1974 (1'4)
22) Alfred Duncan, midfielder attwali tal-Ghana (1,1)
26) José, ex attakkant ta' Spanja (4)
29) Raoul, ex difensur ta' Franza u ex coach tas-Senegal (6)
31) Kakoko, attakkant ta' Zaire fil-Fifa WC 1974 (5)
33) Leetma, midfielder tal-Estonja 1998-2006 (5)
34) Achille, midfielder offensiv tal-Kamerun fil-Fifa WC 2010 (5)
39) u 44) Altin, ex midfielder difensiv tal-Albanija (4)
42) Sothearoth, difensur attwali tal-Cambodia (3)
44) Ara 39 Weqfin
45) Ara 7 Weqfin

## Soluzzjoni - Ħarġa nru 135

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L | O | T | H | A | R | M | A | T | T | H | A | U | S |
| I | | H | | B | | A | | A | | A | | | P |
| C | H | O | R | B | A | D | Z | H | I | Y | S | K | I |
| H | | R | | O | K | U | | E | | D | | A | |
| T | O | S | U | N | | R | O | R | I | E | | L | |
| S | | T | | D | I | O | N | | A | N | T | O | N |
| T | A | V | C | A | R | | Y | | G | | H | U | G |
| E | D | E | | N | A | G | A | T | O | M | O | | O |
| I | | D | I | Z | | | N | | | A | N | D | I |
| N | E | T | | I | L | L | G | N | E | R | | I | E |
| E | T | | R | E | I | | O | | M | I | L | A | |
| R | E | P | | R | I | N | | | A | | A | G | E |
| | P | | L | I | V | E | R | A | N | I | | N | |
| P | E | N | A | | O | N | O | | A | | L | E | V |

Rebbieħa Ħarġa nru 135:
**M. Pace - San Ġwann**

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta
Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail


adidas
asics
Babolat
diadora
HIGH POWER
LEONE
SINCE 1947
macron
TEAMSPORT
Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara
Reebok
speedo
molten
Sixtus
McDAVID
UNDER ARMOUR.
TYR


BECOME A
REFEREE
REFEREEING
IS...FUN
referees@mfa.com.mt
RECRUITMENT
NOW OPEN!
Contact referees@mfa.com.mt
MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
1900

Click

**inewsmalta**.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA